# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 47 - **ĠUNJU 2018**

disinn hilaryspiteri.com

# werrej


| | |
|---|---|
| L-Editorjal | **2** |
| L-Aħbarijiet | **3** |
| Reazzjonijiet | **7** |
| L-Intervista: Emmanuel Attard Cassar | **9** |
| L-Intervista: N. Cella-Pop u D. Barbu | **11** |
| Reċensjonijiet varji | **14** |
| Kitba ta' Victor Vella | **20** |
| Kitba ta' Carmen Refalo | **21** |
| Aktar reċensjonijiet | **23** |
| Żewġ Stqarrijiet mill-Akkademja tal-Malti | **27** |
| Kitba ta' Mary Chetcuti | **30** |
| Il-Poeżiji | **32** |
| Versi lil hinn minn xtutna | **35** |
| Minn fuq l-ixkaffa | **37** |








Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

Bħal dejjem din il-ħarġa ta' IL-PONT qed toffri varjetà wiesgħa ta' kitbiet. Wieħed se jsib aħbarijiet mid-dinja letterarja lokali u internazzjonali, intervisti ma' kittieba Maltin u barranin, reċensjonijiet u studji varji dwar kotba ta' natura differenti, poeżiji, rakkonti qosra u kitbiet ta' interess varju. Kemm sigħat biex issir ħarġa bħal din! U kemm kollaborazzjoni bejn persuni differenti! Però li jagħmilli kuraġġ hu l-fatt li bosta qed jibagħtu l-kontribuzzjonijiet tagħhom regolarment, oħrajn iħeġġuni nkompli billi jikkorrispondu miegħi u jgħadduli *feedback* pożittiv, u oħrajn jgħaddu IL-PONT lill-ħbieb tagħhom u lil min jaħsbu li jista' jinteressahom. Lil dawn kollha GRAZZI kbira.

Kif bosta jiktbuli, IL-PONT qed jimla vojt tant li ħafna jkunu qed jistennewh bil-ħerqa. Dan ifisser li l-qari għadu għal qalb għadd kbir ta' persuni. Dan iwassalni b'xi mod għal dak li jsostni l-Professur Frank Oberklaid li jaħdem fil-*Murdoch Children's Research Institute* ta' Melbourne: li t-tfal sa minn meta jkunu żgħar jieħdu gost b'dak il-ħin meta jkunu flimkien mal-ġenituri jaqrawlhom xi storja minn xi ktieb, jisimgħu il-ħoss tal-kliem u jħarsu lejn l-istampi mlewna, filwaqt li jaqilbu minn paġna għal ta' warajha. Ir-riċerka turi li iktar kemm tifel jew tifla jiġu esposti għal kliem ġdid sa minn bikri ikbar tkun il-possibiltà li jkollhom pedament ta' tagħlim sod fil-ġejjieni tagħhom. Il-qari għandu jiġi mitqies mit-tfal bħala passatemp ewlieni. Attività bħal din issaħħaħ il-battalja kontra l-ħin moħli fuq *tablets*, internet, Youtube, u quddiem televiżjoni fejn it-telespettatur sa minn ċkunitu hu biss passiv.

Il-qari, bħall-għarfien t'ilsna differenti, għandu l-importanza tiegħu għalina l-Maltin, iktar u iktar illum li sirna soċjetà multikulturali aktar minn qatt qabel. U dan kollu fi żmien meta l-ktieb m'għadux xi ħaġa limitata għal min għandu flejjes kbar. Niftakru li l-libreriji pubbliċi ilhom snin twal jaħdmu biex ixerrdu l-imħabba lejn il-qari. Infakkru wkoll li kull skola għandha l-librerija tagħha minfejn dawk interessati jistgħu jissellfu kotba b'xejn. U ninsistu fuq il-fatt li meta tasal festa speċjali l-ktieb hu wieħed mill-isbaħ rigali li wieħed jista' jagħti lit-tfal.

Il-letteratura u l-poeżija jgħinu biex wieħed isaħħaħ il-ħakma fuq il-kelma. Ma ninsewx kemm il-kelma hija importanti għall-politiku, għall-avukat, għal kull min jaħdem fil-qasam tal-*marketing*, tar-reklamar u anki tal-*gaming*.

U dan kollu jintrabat ukoll mal-ħsieb kritiku li għandu jiġi mrawwem fina sa minn meta nkunu għadna ċkejknin. Mistoqsija li tgħaddi minn moħħi spiss hija din: għaliex il-professuri fl-Università ma jesperimentawx u jistiednu lit-tfal tal-Primarja fl-Università u jkellmuhom dwar l-istorja tal-Filosofija, il-loġika, il-ħsieb kostruttiv u awtokritiku? B'hekk biss jitrawmu ċittadini verament maturi u li jkunu jafu jaħsbu b'moħħhom. Sistema fejn kulħadd jingħata ċ-ċertifikati biex iħossu kuntent u jżomm ħalqu magħluq jew biex tissodisfa l-bżonnijiet ta' statistika u burokraziji li ma jtulux fiż-żmien mhix waħda ideali.

Mill-kitbiet preżenti f'din il-ħarġa laqtuni dawn is-sentenzi: "Wirt, ismu miegħu, jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra. Imma fejn ma hemmx responsabbiltà, lanqas jista' jkun hemm ħarsien f'waqtu." Il-qari, l-imħabba għall-ktieb, l-għarfien ta' suġġetti bħall-Filosofija, il-Letteratura, l-Istorja, il-Ġografija, l-Istudji Ambjentali u l-bqija jgħinuna nagħrfu li d-dinja ma bdietx ilbieraħ ma' jum twelidna u lanqas se tispiċċa malli tintfielna l-ftila. Suġġetti bħal dawn u bosta oħrajn jgħinuna nsiru ċittadini verament responsabbli, li jaraw lil hinn mill-ponta ta' mneħirhom u jagħrfu jiżnu bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn dak li hu temporanjament komdu għax jaqdi lilna u dak li hu tajjeb verament għax mibni fuq ħsieb u pjanifikazzjoni serji u minn nies li jafu x'inhuma jagħmlu b'viżjoni ġenwina lejn dak li nistgħu ngħaddu lill-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.

Huwa hawnhekk fejn il-Letteratura tikseb is-saħħa tagħha. Poplu li ma jaqrax, li ma jħobbx il-ktieb, li nesa darba għal dejjem l-Istorja u l-klassiċi tal-letteratura huwa poplu rieqed tassew. Il-Letteratura tgħinna nerġgħu niskopru dak il-leħen ġewwa fina li jfakkarna li bħala bnedmin ma ngħixux biss għax-xogħol, il-flus, il-poter u iktar, imma wkoll għal ħwejjeġ bħalma huma l-ġabra fil-familja, ir-rispett lejn dawk ta' madwarna (mhux biss bnedmin, imma anki annimali, siġar, pjanti, il-baħar, u l-bqija), l-imħabba li neħtieġu mingħand ħaddieħor u li ħaddieħor jeħtieġ mingħandna, il-kuxjenza li warajna ġejjin oħrajn li jixtiequ jaraw is-sabiħ, dak li għadditilna n-natura, f'armonija - armonija tassew u mhux finta! - ma' dak li jaf jagħmel il-bniedem intelliġenti.

### TAĦDIDIET DWAR L-ILSIEN MALTI U L-INGLIŻ FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Nhar it-12 u t-13 ta' April 2018 Dr Christopher Lucas, Lettur Anzjan fil-Lingwistika Għarbija fl-SOAS University ta' Londra, ta tliet taħdidiet bħala mistieden tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta. It-tliet taħdidiet kienu: "Maltese numerals and what they can tell us about language in the mind/brain"; "English in Malta, Britain, and beyond"; u "Maltese as a window on Arabic... and vice versa". Christopher Lucas kiseb Baċellerat fl-Għarbi fl-SOAS University ta' Londra u studja l-lingwistika fl-Università ta' Cambridge, fejn fit-teżi dottorali tiegħu eżamina l-iżviluppi storiċi fl-espressjoni tan-negazzjoni fl-Għarbi u ilsna relatati. Wara li temm id-Dottorat fl-2010, mar lura fl-SOAS bis-saħħa ta' British Academy Postdoctoral Fellowship, u fl-2011 beda jgħallem l-Lingwistika Għarbija. Ir-riċerka u t-tagħlim tiegħu jiffukaw primarjament fuq l-evoluzzjoni storika u d-deskrizzjoni kontemporanja ta' varjetajiet tal-Għarbi u tal-Malti.

### 12-IL KTIEB GĦALL-PREMJU STREGA 2018

Għal min għandu għal qalbu l-letteratura Taljana f'April 2018 ħarġet il-lista tat-12-il finalist li se jikkonkorru għall-Premju Strega 2018 li tiġi t-72 edizzjoni ta' dan il-premju letterarju prestiġjuż fl-Italja li ilu mwaqqaf sa mill-1947. Il-finalisti huma: Marco Balzano, bir-rumanz *Resto qui*, tal-pubblikatur Einaudi; Carlo Carabba, b'*Come un giovane uomo*, ta' Marsilio; Carlo D'Amicis, b'*Il gioco*, ta' Mondadori; Silvia Ferreri, b'*La madre di Eva*, ta' NEO Edizioni; Helena Janeczek, b'*La ragazza con la Leica*, ta' Guanda; Lia Levi, bi *Questa sera è già domani*, ta' Edizioni E/O; Elvis Malaj, b'*Dal tuo terrazzo si vede casa mia*, ta' Racconti Edizioni; Francesca Melandri, b'*Sangue giusto*, ta' Rizzoli; Angela Nanetti, b'*Il figlio prediletto*, ta' Neri Pozza; Sandra Petrignani, b'*La corsara. Ritratto di Natalia Ginzburg*, ta' Neri Pozza; Andrea Pomella, b'*Anni luce*, ta' ADD Editore; u, Yari Selvetella, b'*Le stanze dell'addio*, ta' Bompiani. Minn dawn jintgħażlu ħames finalisti li nkunu nafu bihom fit-13 ta' Ġunju, filwaqt li r-rebbieħ tal-Premju Strega 2018 jitħabbar f'serata finali li sseħħ fil-5 ta' Lulju 2018. Il-kumitat direttiv ħabbar li r-rumanz *Il gioco* ta' Carlo D'Amicis minħabba ċerti temi ttrattati hu adatt għal qarrejja esklussivament adulti u għalhekk twarrab minn dan il-konkors.

### KLABB TAL-KITBA INTERĠENERAZZJONALI

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu organizzat żewġ klabbs ġodda tal-kitba għall-ġenituri/kustodji u t-tfal tagħhom ta' bejn 8 u 12-il sena. L-għan tal-klabb hu li jkun hemm żewġ ġenerazzjonijiet li jkollhom l-opportunità jaħdmu flimkien biex jgħinuhom jiżviluppaw il-ħiliet tal-kitba kreattiva, jesprimu l-ħsibijiet tagħhom permezz tal-kitba u jaħdmu flimkien fi proġetti li jkun fihom il-kitba. Fl-aħħar tal-klabb kien hemm esebizzjoni u ċelebrazzjoni. Kull min attenda regolarment (80%) u temm il-klabb b'suċċess ingħata ċertifikat.

### TAĦDITA DWAR IL-LINGWAĠĠ TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ MALTIN

Fid-19 t'April, 2018, l-ALLT (Association of Linguistics and Language Technology) u l-Għaqda tal-Malti - Università, organizzaw taħdita dwar il-lingwaġġ taż-żgħażagħ Maltin, bl-isem ta' "Tal-lajf jew tal-blieh?" Din it-taħdita saret fl-uffiċċji tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ fil-Furjana. F'din it-taħdita ntwera kif iż-żgħażagħ jitkellmu differenti minn kelliema ikbar jew iżgħar minnhom. Ġie spjegat għaliex il-lingwa tinbidel u kif iż-żgħażagħ ta' kull ġenerazzjoni jirnexxilhom jibdluha. Din it-taħdita ingħatat minn Dr Michael Spagnol li huwa lettur fi ħdan id-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta. Dr Spagnol, jew kif inhu magħruf, is-Sur Kelma Kelma, minħabba l-paġna li ħoloq fuq Facebook "Kelma Kelma," huwa speċjalizzat fil-lingwistika u bħala lettur jgħallem taqsimiet-studju dwar aspetti morfoloġiċi u semantiċi, dwar id-djaletti, u s-soċjolingwistika b'mod ġenerali, fost suġġetti oħra.

**TAĦDITA DWAR KAPPELLI U KNEJJES ŻGĦAR**

Nhar il-Ġimgħa 20 ta' April, l-Għaqda Filantropika Talent Mosti organizzat taħdita minn Anthony M. Brincat dwar Kappelli u Knejjes żgħar fil-Gżejjer Maltin. Is-serata saret fir-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone, fi Triq Wied il-Għasel, il-Mosta. Anthony M. Brincat kellu karriera ta' Edukatur u rtira bħala Kap ta' Skola. Hu qed jagħmel ħafna riċerki dwar il-kappelli u knejjes żgħar fil-Gżejjer Maltin, u kien wieħed mill-Fundaturi tal-Għaqda Ħbieb il-Kappelli Maltin li tagħha huwa President Onorarju. Is-sur Brincat tkellem dwar meta u għalfejn inbnew, dawn il-kappelli, l-istorja u l-arkitettura tagħhom, dedikazzjoni, tradizzjonijiet u leġġendi marbuta magħhom. Din l-attività saret f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Sekondarja fi ħdan il-Kulleġġ Maria Reġina.

**IL-POEŻIJA U L-PATATA**

Nhar is-26 ta' April għand Abdilla Importers/ Exporters, Ta' Qali, saret it-tnedija tal-ktieb *Il-Poeżija u l-Patata* bl-għajnuna ta' ħafna nies minn oqsma differenti. Il-ktieb jinkludi numru ta' poeżiji bil-Malti tradotti għall-Ingliż, għall-Friżlandiż u għall-Olandiż kif ukoll numru ta' poeżiji ta' poeti Olandiżi u l-poeżiji tagħhom tradotti wkoll. Fih ukoll riċetti, esperjenzi u ritratti, fosthom tal-fotografa Maltija Giola Cassar. L-editriċi Maltija ta' din l-edizzjoni hija Claudia Gauci. Waqt it-tnedija nqraw għadd ta' poeżiji, flimkien mal-parteċipazzjoni tal-banda ta' Ħal Safi. Dawk preżenti xorbu tikka nbid u kielu l-patata. Waqt dan l-avveniment Glen Calleja ħiet il-kotba tal-poeżija bl-idejn.

Dakinhar tnieda wkoll il-film tal-poeżija maħdum minn Kenneth Scicluna li jagħti ħarsa lejn il-proċess kollu li bih tasal għandna l-patata, kif ukoll in-nies involuti f'dan il-proċess u l-proġett, Froukje De Jong ewlenija fosthom. Dan il-proġett huwa proġett bejn Valletta 2018 u Inizjamed u bi sħab ma' Leeuwarden 2018.

**PREMJU LETTERARJU PRESTIĠJUŻ IEĦOR FL-ITALJA**

Proprju fl-aħħar ta' Mejju 2018 tħabbru l-5 finalisti tal-Premio Campiello, premju letterarju prestiġjuż ieħor li jiġi organizzat kull sena fl-Italja u li ilu jingħata mill-1963. Il-lista tal-finalisti hija din: *La ragazza con la Leika* ta' Helena Janeczeck, tal-pubblikatur Guanda; *La galassia dei dementi* ta' Ermanno Cavazzoni, ippubblikat minn La nave di Teseo; *Mio padre la rivoluzione* ta' Davide Orecchio, tal-Minimum Fax; *Le vite potenziali* ta' Francesco Targhetta, tal-Mondadori; u, *Le assaggiatrici* ta' Rosella Postorino, ippubblikat minn Feltrinelli. Ir-rebbieħ tal-Premio Campiello - Opera Prima hu r-rumanz *Gli 80 di Camporammaglia* ta' Valerio Valentini, ta' Editori Laterza.

PREMIO CAMPIELLO

**LEJLA POE-MUŻIKALI FL-IMTARFA**

Nhar it-28 ta' April 2018 l-Għaqda Poeti Maltin flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa tellgħet għal darb'oħra Lejla Poe-Mużikali f'rabta ma' Jum l-Imtarfa 2018. Din l-attività saret fis-Sala Dar Kenn għal Saħħtek.

**IL-FESTIVAL TAL-KTIEB GĦAT-TFAL F'BORMLA**

Il-Festival tal-Ktieb għat-Tfal f'Cospicua, proġett kollaborattiv ġdid mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Kunsill Lokali ta' Bormla, huwa festival ta' ġurnata li sar fid-29 ta' April fix-Xatt ta' Bormla u kien iddedikat lit-tfal u l-kotba tat-tfal. Ħames pubblikaturi esebixxew il-kotba tagħhom u saru programm kulturali b'attivitajiet ta' qari, laqgħat ma' awturi u attivitajiet divertenti oħra. Il-Festival fetaħ fid-9.45 ta' filgħodu fil-preżenza tas-sindku ta' Bormla, is-Sinjura Alison Zerafa, u l-president eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, is-Sur Mark Camilleri. Fost l-attivitajiet imħejjija għal din il-ġurnata, kien hemm sessjonijiet ta' qari mal-awturi Clare Azzopardi u John A. Bonello. Ġew ippreparati attivitajiet oħra ta' qari u ta' interess letterarju b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Nazzjonali għal-Litteriżmu. Il-pubblikaturi li pparteċipaw fil-festival kienu: Faraxa, Merlin Publishers, Wise Owl, Miller u Midsea Books. F'attività mtella' minn Faraxa, Kirsten Spiteri, l-awtur ta' *The Wave* u *Far From Home*, tkellem dwar l-esperjenza tiegħu bħala awtur emerġenti u qara siltiet miż-żewġ rumanzi tiegħu. Il-

Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb irringrazzja lill-Kunsill Lokali ta’ Bormla għall-kollaborazzjoni tiegħu, l-Aġenzija Nazzjonali għal-Litteriżmu għall-organizazzjoni tal-attivitajiet ta' qari "Aqra Miegħi" u l-pubblikaturi li pparteċipaw fl-avveniment. Il-KNK irringrazzja wkoll lil Henry Abela għall-għajnuna tiegħu bl-editjar diġitali tal-*artwork*.

**IR-RIĊERKA TIEGĦI FL-M.A.**

Nhar l-14 ta’ Mejju 2018, id-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Fakultà tal-Arti tal-Università ta’ Malta, flimkien mal-Għaqda tal-Malti (Università), organizzaw laqgħa oħra ma’ żewġ studenti li bħalissa qed jaħdmu fuq it-teżi *Masters* tagħhom. Jessica Micallef qed taħdem fuq “Il-Kitbiet ta’ Juann Mamo fil-Gazzetta”. Din it-teżi tagħmel riflessjoni kritika fuq kif Mamo jinqeda bi strateġiji letterarji b’tali mod li dawn il-kitbiet jitbandlu bejn il-ġeneru tal-kitba ta’ opinjoni u l-letteratura. Dorothy Bezzina qed taħdem fuq “Inkanta bil-Lsien Malti: Gaetano Buttigieg u l-Kanzunetta Maltija”. Din hi teżi li tkompli tiċċara l-isfond imżewwaq li fuqu żviluppa l-ilsien Malti tul dawn l-aħħar ħamsin sena, b’referenza speċjali għall-qasam tal-kanzunetta popolari. L-istudju jiffoka fuq il-ħajja u l-ħidma ta’ Gaetano Buttigieg (1923-2004), meqjus bħala wieħed mill-aqwa esponenti tal-użu ta’ lsienna f’dan il-qasam.

**SIMPOSJU TAR-REBBIEGĦA TAL-HUMS**

Nhar it-18 ta’ Mejju 2018 sar is-Simposju tar-Rebbiegħa tal-HUMS (Humanities, Medicine and Sciences Program) bl-isem ta’ “Turning Points”. Din id-darba ħadu sehem seba’ kelliema. Is-suġġetti ttrattati kienu “Counterfactuals in Science Fiction” minn Victor Grech; “Inverse problems: turning the tides” minn Cristiana Sebu; “The two cultures debate” minn Ivan Callus u Clare Vassallo; “What's in a name? - The Linnaeus Legacy” minn David Dandria; “One direction to circulation” minn Kevin Schembri, u fl-aħħar nett, “Post-truth: that other 'Friday 18 May’” minn Charles Dalli.

**JITTELLA’ ONLINE IR-RABA’ L-AKTAR KTIEB IPPUBBLIKAT BL-ILSIEN INGLIŻ**

Ktieb li influwenza lil Charles Darwin u li hu meqjus bħala r-raba’ l-iktar ktieb ippubblikat fil-lingwa Ingliża se jitqiegħed *online*. Jismu *The Natural History and Antiquities of Selborne* tar-Reverendu Gilbert White, ippubblikat għall-ewwel darba fl-1789, u serva ta’ ispirazzjoni għal ġenerazzjonijiet sħaħ ta’ naturalisti permezz tad-deskrizzjonijiet ħajja ta’ flora u fawna, flimkien mat-temp u ż-żrieragħ, li l-awtur kien jiltaqa’ magħhom fil-kampanja fejn kien jgħix f’Hampshire. Minn dak iż-żmien ’l hawn il-ktieb ġie ppubblikat għal iktar minn 300 darba u dejjem kien disponibbli. Hu mifhum li hu l-iktar ktieb ippubblikat fl-ilsien Ingliż wara l-Bibbja, ix-xogħlijiet ta’ Shakespeare u *The Pilgrim’s Tale* ta’ John Bunyan.


THE
NATURAL HISTORY
OF
SELBORNE,
WITH ITS
ANTIQUITIES; NATURALIST'S CALENDAR, &c.,
BY
THE REV. GILBERT WHITE, A. M.
A New Edition,
WITH NOTES BY EDWARD BLYTH.
LONDON:
PUBLISHED BY ORR & SMITH, PATERNOSTER ROW.
MDCCCXXXVI.

**SERATA F’ĠIEĦ SIR ANTHONY MAMO**

Fid-19 ta' Mejju, l-Għaqda tal-Malti - Università organizzat serata f'ġieħ Sir Anthony Mamo, f'għeluq l-10 snin minn mewtu, fl-1 ta' Mejju, 2008. Sir Anthony Mamo kien parti mill-ewwel kumitat tal-Għaqda tal-Malti flimkien ma' Rużar Briffa u Ġużè Bonnici meta twaqqfet fl-1931, fl-eqqel tal-kwistjoni tal-lingwa. Din is-serata saret taħt il-patroċinju tal-

E.T. il-President tar-Repubblika, fil-Palazz San Anton.

**VITTORIO SGARBI MISTIEDEN MILL-UNIVERSITÀ TA' MALTA**

Nhar il-21 ta' Mejju Vittorio Sgarbi ta *lecture* fl-Ilsien Taljan u nieda l-ktieb tiegħu *Dal Mito alla Favola Bella: Da Canaletto a Boldini (Il Tesoro D'Italia V)*. Dan l-avveniment seħħ fl-Auditorium tal-Università ta' Malta fil-Belt Valletta. Dr Mark Sagona introduċa din il-laqgħa li kienet inizzjattiva ta' Valerio Ballotta (GBK Malta) u Abraham's Arte, f'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Arti u tal-Istorja tal-Arti fi ħdan l-Università ta' Malta.



**Vittorio Sgarbi**

**MILL-ĠDID POEŻIJAPLUS**

Nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju PoeżijaPlus tellgħet is-serata "Ejja Aqra Poeżija" fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, ħdejn il-Biblijoteka. Din il-lejla ttellgħet f'kollaborazzjoni mal-Akkademja tal-Malti u l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

**AKKADEMIĊI U KITTIEBA MALTIN F'RAMALLAĦ**

Dr Norbert Bugeja, akkademiku fi ħdan l-Università ta' Malta u poeta, għamel żjara ta' Diplomazija Kulturali fil-Palestina bejn is-6 u t-12 ta' Mejju 2018, fuq stedina mill-Uffiċċju Rappreżentattiv tar-Repubblika ta' Malta f'Ramallaħ. Matul iż-żjara Norbert Bugeja tkellem fuq it-tema, "Vjaġġi fil-Kitba: Malta, lil-Palestina u letteraturi ta' bejniethom." Is-siti magħżula kienu fl-Universitajiet ta' Birżejt u Betleħem. Avveniment bħal dan ġie ffinanzjat mill-Fond għad-Diplomazija Kulturali tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ tar-Repubblika ta' Malta. Dr Norbert Bugeja ppresieda wkoll Simposju li fih ħadu sehem il-kittieba Maltin Immanuel Mifsud u Walid Nabhan. Dan l-avveniment seħħ taħt l-awspiċi tal-Ħanut tal-Kotba The Educational Bookshop, fiċ-Ċentru Kulturali Franċiż fil-Lvant ta' Ġerusalemm. Dr Bugeja ħa sehem ukoll fil-11-il Fiera Internazzjonali tal-Ktieb Palestinjana li ttellgħet f'Ramallaħ bejn it-3 u t-13 ta' Mejju 2018, li fiha ħadu sehem il-kittieba Walid Nabhan u Immanuel Mifsud. Dr Norbert Bugeja kien akkumpanjat mir-Rappreżentant tar-Repubblika ta' Malta f'Ramallaħ, is-Sur Reuben Gauci.



**Walib Nabhan, Norbert Bugeja u Immanuel Mifsud**



**Email mingħand Mario Griscti, il-5 ta' Marzu 2018**

Għażiż Patrick,

Minn qalbi niżżikħajr ta' IL-PONT - Marzu 2018. Magażin letterarju ta' kwalità li kellna għatx kbir għalih, u inti, qtajtulna. Niżżikħajr tal-poeżija li ppubblikajtli fost poeżiji oħra ta' kwalità, profondità u intelletwalità.

Inselli ħafna għalik Patrick u nixtieqlek dejjem saħħa, paċi u ġid, ħabib.

B'Imħabba,

Mario.

**Email mingħand Lina Brockdorff, is-6 ta' Marzu 2018**

Għażiż Patrick,

Bravu li bqajt għaddej bil-produzzjoni ta' IL-PONT minkejja li min jaf kif int magħfus bix-xogħol u l-istudju. Il-veru nammirak, kompli sejjer.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar inħoss kemm l-isem li għażilt jixraq lil dan il-magażin tiegħek letterarju. Għax ngħiduha kif inhi: hawn Malta hawn bosta attivitajiet u kitbiet sparpaljati li drabi jagħtik li taqta' qalbek. Imma meta jasal IL-PONT inħossni nimtela' bil-kuraġġ għax qisna bis-saħħa tiegħek insiru għaqda waħda li mhix żgħira għaċ-ċokon ta' gżiritna.

Naqbel miegħek li jkun hemm ukoll xogħol letterarju t'ilsna oħra, basta nżommu ċertu bilanċ a favur tal-Malti.

Grazzi li ppublikajtli "Leġġenda".

Tislijiet mill-qalb,

Lina.

**Email mingħand Rigu Bovingdon, is-6 ta' Marzu 2018**

Bħas-soltu għażiż Patrick, xogħol ta' sabar, reqqa u professjonalità ħabib. Kitba għolja u magħżula u mżewqa.

Bil-għaqal tiegħek inti komplejt tarrikkixxi l-preżentazzjoni dwar Dwardu Fenech. Kien jistħoqqlu wisq dan l-esponent li ħareġ ifur minn qalbi. Sħabu, għal xi raġuni li ma nafhiex jien, donnhom warrbuh!

Fl-Aħwija Maltija - SAĦĦA!

Rigu.

**Email mingħand Achille Mizzi, is-6 ta' Marzu 2018**

Għażiż Patrick,

L-ewwel nett nirringrazzjak għall-edizzjoni ta' IL-PONT ta' Marzu. Waqt li nifraħlek għas-suċċess meritat li qed tgawdi f'dan il-proġett daqstant siewi, inqawwilek qalbek għall-ġejjieni.

Tislijiet

Achille.

**Email mingħand Karmenu Mallia, is-6 ta' Marzu 2018**

Għażiż Patrick,

L-ewwelnett grazzi ta' IL-PONT, dejjem mimli u ġdid. Għalkemm grazzi wkoll tax-xogħol li tieħu biex toħroġ xogħol hekk preżentabbli.

Nixtieq inżid xi ħaġa oħra jekk tippermettili. Fih hemm nota fuq id-diskors li għamel il-bravu Liam Gauci fuq l-epika "Il-Gifen Tork" ta' Ġ.A Vassallo. Għal min jinteressa ruħu nixtieq ngħid li jien kont qlibt din l-epika għall-Esperanto flimkien ma' "Il-Jien u lilhinn minnu" ta' Dun Karm li jidhru fl-antoloġija tiegħi ta' poeti Maltin: *Antologio de maltaj poetoj* li ħarġuli fl-1985.

Grazzi mill- ġdid.

B'tislijiet.

Karmenu Mallia.

**Email mingħand Michael Zammit, is-6 ta' Marzu 2018**

Nibqa' nħossni fid-dmir, darba wara l-oħra, biex ngħidlek grazzi minn qalbi ta' dan Il-PONT bejnietna. Ma nsibx ħlief kliem ta' tifħir għal ħidma hekk bil-qalb. Ktejjeb b'taqsim tant attraenti, mimli tagħrif dwar ilsienna u min iħaddmu, aħbarijiet, intervisti, poeżiji, novelli u tagħrif dwar kotba ġodda. Nista' napprezza x'biċċa xogħol għandek biex issensel flimkien tant kitbiet. Fih ħafna x'taqra. Kitbiet ta' livell li tieħu gost taqrahom minn tarf sa tarf. Okkażjoni tad-deheb għalina lkoll li tant inħobbu ilsien pajjiżna, biex waqt li ngħożżu ġmiel lsienna, nissoktaw nitgħallmu.

Saħħiet.

**Email mingħand Joseph Sciberras (Ħ'Attard), is-6 ta' Marzu 2018**

Grazzi, Patrick.

Prosit tassew. Eċċezzjonali li ma tixba' qatt taqra l-kontenut. Kitbiet mil-isbaħ. L-editorjal għoġobni ħafna.

Jiena bdejt ngħaddi IL-PONT lil ħbieb tiegħi biex iduqu ftit mill-benna tiegħu.

Saħħiet,

Joseph.

**Email mingħand Amanda Busuttil, is-7 ta' Marzu 2018**

Nirringrazzjak ħafna Patrick ta' din ir-rivista li tant ngħożż u napprezza.

Grazzi ħafna tal-Ħajku, l-ittra u l-artiklu li dehru f'din il-ħarġa. Ħajku ktibt ħafna, issa nibgħatlek aktar.

Tislijiet u grazzi mill-gdid.

**Email mingħand Trevor Żahra, is-7 ta' Marzu 2018**

Prosit u grazzi ta' IL-PONT, Patrick.

Bħal dejjem: minjiera sħiħa ta' tagħrif mill-aktar interessanti u utli. Qiegħed tagħmel biċċa xogħol verament siewja, u li sirna nkunu nistennewha fuq ix-xwiek.

Tislijiet,

Trevor.

**Email mingħand Oliver Friggieri, is-7 ta' Marzu 2018**

Għażiż Patrick,

Tassew prosit għall-aħħar ħarġa ta' IL-PONT li diġa' qallibtha kollha, waqt li nittama li naraha fid-dettal fil-jiem li ġejjin. Għal darba oħra sibt fiha pubblikazzjoni serja u prudenti ħafna, li tabilħaqq tagħmel ġieħ lil-letteratura tagħna waqt li ssib postha mal-aħjar rivisti letterarji li għandna fl-Istorja tal-Letteratura Maltija sa mill-bidu tagħha.

Nirringrazzjak ħafna, prosit mill-ġdid u nawguralek li tissokta f'din il-ħidma.

Saħħiet,

Oliver.

## Patrick Sammut jintervista lil EMMANUEL ATTARD CASSAR

**Meta u minn fejn twieldet l-idea ta' EspRimi?**

EspRimi tikkonsisti f'numru ta' kittieba u artisti li jixtiequ jsibu spazju fejn jesprimu ruħhom. Jixtiequ jkunu jafu b'dak li qed jiġri madwarhom u f'dak li jesprimu jixtiequ jkunu ta' kontribut għas-soċjetà. L-idea twieldet ħafna snin ilu meta jien attendejt serata ta' poeżiji f'Ragusa fi Sqallija u hemmhekk rajt il-poeżija deklamata b'mod drammatiku u espressiv u ħsibt li huwa importanti li mal-kitba jkun hemm ukoll il-kapacità tal-espressjoni orali. Dik kienet biss idea. Din l-idea saret ħtieġa meta kont nagħmel parti minn kumitati u rajt fihom ħafna apatija. Rajt fihom xi ftit nies brikkuni li qegħdin hemm biss għall-gwadann personali tagħhom. Dawn in-nies b'ħażen xorta jirnexxilhom jibqgħu jokkupaw dawn il-karigi. Imbagħad waslet EspRimi.

**Għaliex l-għażla ta' isem bħal dan?**

L-isem huwa mibni fuq il-kapaċità tal-espressjoni. Importanti mhux biss dak li għandek xi tgħid imma kif se tgħidu u kemm se jirnexxilek twasslu u bih tkun konvinċenti. Il-fatt li r-raba' ittra hija kapitali tindika l-oriġini ta' wħud minna li ġejjin mill-qasam tal-poeżija.

**Din mhix l-ewwel darba li inti involut fl-għaqdiet volontarji, imma hija l-ewwel darba li inti President ta' waħda. Xi tgħid dwar dan?**

Il-president jeħtieġlu l-fiduċja tal-membri tal-kumitat u tal-membri kollha tal-assoċjazzjoni. Dik il-fiduċja trid tinbena bis-sinċerità u bl-onestà. Il-president ma jridx iħossu l-aktar persuna importanti. Għandu iżda jagħraf il-potenzjal ta' kull membru, japprezzah u jippreżentah lill-membri kollha. Irid jaħdem biex ħadd ma jħossu mwarrab. Din tal-aħħar hi problema kbira li naħseb li nbatu biha ħafna. EspRimi trid tagħti spazju lil kulħadd. Kulħadd irid iħossu inkluż (dan mhu faċli xejn, l-ewwel nett għaliex in-natura umana hija kompetittiva u t-tieni għaliex sfortunatament jeżistu perunaġġi egoisti li dejjem se jsibu fiex jilmentaw). Il-president irid jikkoordina u jkun ġust.

**X'għandha EspRimi li entitajiet oħrajn m'għandhomx?**

Ma nistax ngħid li għandna xi ħaġa li ħaddieħor ma għandux. Irrid nisħaq illi aħna nagħtu importanza (1) lill-espressjoni, (2) lit-tagħlim (min jesprimi ruħu irid ikun infurmat tajjeb), u (3) il-kontribuzzjoni soċjali. Dan kollu jrid isir f'ambjent ta' ħbiberija.

**Hemm l-idea li tiġi rreġistrata anki bħala ONG. Għaliex dan?**

EspRimi hija diġa reġistrata bħala ONG. In-numru tagħha huwa VO/1453. Huwa importanti li jkun hemm għarfien mill-awtoritajiet tal-għaqdiet li jeżistu. Barra minn hekk jeżistu bosta opportunitajiet ta' għajnuna finanzjarja għall-għaqdiet li huma reġistrati uffiċjalment bħala ONG. B'dan il-mod naturalment wieħed ikun jista' jaħdem aħjar. Tajjeb li ngħidu, għalkemm kważi kulħadd għandu għarfien, li EspRimi ma hix assoċjazzjoni ta' profitt u l-membri tagħha ma jitħallsux tas-servizz li jagħtu.



**Mal-anzjani f'Casa Leone**

**Kemm ilha mwaqqfa EspRimi u min huma l-membru tal-kumitat? Naf li hemm taħlita ta' persuni b'esperjenza vasta fil-qasam u oħrajn relattivament ġodda? Qed inkun korrett dwar dan?**

Fit-3 ta’ Mejju 2017 saret l-ewwel laqgħa tal-kumitat proviżorju. Fl-1 ta’ Settembru saret it-tnedija uffiċjali u fit-30 ta’ Settembru saret l-ewwel laqgħa ġenerali li ħatret il-kumitat li hemm bħalissa. Il-kumitat jikkonsisti f’dawn il-membri:

President: Emmanuel Attard Cassar (prattika: kitba)
Viċi President: Alfred Caruana Ruggier (prattika: pittura u kitba)
Segretarja: Christine Grech (prattika: pittura)
Viċi Segretarju: Charles Mifsud (prattika: kitba)
Kaxxier: Dr. Mario Aloisio (prattika: pittura)
PRO: Dr Ronald Cuschieri (prattika: kitba)
Membru: Alfred Camilleri (prattika: kitba)

Mhux il-membri kollha kellhom esperjenza qabel f’xi kumitat imma l-maġġoranza kellhom.

**X'attivitajiet organizzajtu s'issa u x'hemm iktar ippjanat?**

Sa issa organizzajna, minbarra t-tnedija uffiċjali, laqgħa dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (mis-Sur Joe Attard, CEO ta’ Green MT), kif ukoll preżentazzjoni ta’ xogħlijiet letterarji dwar il-Milied. F’April kien hemm laqgħa dwar l-Astronomija bażika (minn Dr. Mario Aloisio li hu lettur fl-Informatika) li fiha l-membri kellhom l-opportunità jaraw, permezz ta’ teleskopju li kien armat apposta, dak li semgħu fit-taħdita. Hemm ukoll il-ħsieb ta’ esibizzjoni ta’ pittura mill-membri u laqgħat oħra dwar, fost l-oħrajn, l-istatistika u l-arti. Qasam ieħor li fih qegħdin nagħtu s-sehem tagħna huwa dak tal-anzjani. Diġà għamilna preżentazzjoni ta’ qari u mużika f’Casa Leone u għandna pjanijiet biex nagħmlu preżentazzjonijiet oħra fid-djar tal-anzjani u fid-*day centres*.

Irrid insemmi proġett ta’ ktieb li issa ilna ftit naħdmu fuqu. Dan il-ktieb se jikkonsisti f’xogħlijiet ta’ pittura (bil-kulur) u poeżiji ta’ parteċipanti Maltin u Taljani. Il-ktieb irid jiċċelebra l-okkażjoni tal-Belt Valletta bħala l-Belt Kapitali Ewropea 2018. It-tnedija tal-ktieb se ssir il-Belt fil-25 ta’ Lulju. Wara se ssir preżentazzjoni oħra f’Morbegno (provinċja ta’ Sondrio) fit-22 ta’ Settembru.

**Min jista' jsir membru u min jista' jipparteċipa attivament u passivament?**

Jista’ jsir membru kull min għalaq is-16-il sena. Il-miżata hija ta’ 5 Ewro fis-sena. Biex tipparteċipa attivament - jiġifieri tkun inkluż f’antoloġiji, esibizzjonijiet eċċ - trid tkun membru bil-miżata mħallsa. Biex tikkomunika magħna tista tibgħat email (assocjazzjoniesprimi@gmail.com) inkella tibgħatilna messaġġ fuq Facebook (https://www.facebook.com/AssocjazzjoniEspRimi/). Biex tipparteċipa b’mod passiv u tattendi għal-laqgħat li tarahom ta’ interess għalik tista’ tibgħat email u tkun inkluż fil-*mailing list* inkella tara l-paġna ta’ Facebook li hija dejjem aġġornata bl-aħħar aħbarijiet.

**Hemm ippjanat li EspRimi jkollha wkoll il-pubblikazzjoni jew publikazzjonijiet tagħha?**

L-ewwel pubblikazzjoni hija dik li semmejtlek aktar ’il fuq. Il-ktieb se jkun jismu’ *Malta Qaswalla ta’ Kulturi / Malta Arcobaleno di Culture*. Hemm ukoll il-ħsieb li jkollna blog.



L-ewwel kumitat




# Patrick Sammut interviews poet Nadia-Cella Pop and translator Dragoş Barbu about *CLAVIATURI* poetry magazine

**Why the name *Claviaturi*? What does it mean exactly, and what is the main idea behind it?**

This name was chosen by the poet and lawyer Vania Gherghinescu, founder of the magazine. The reasons are still unknown. *Claviaturi* (Keyboards in English), represents, maybe, as a name, a connection between music and poetry. This past is a little hazy, anyhow… The founder's motto, "Music is God's thought that is heard, and poetry is indeed His Word", might shed some light. It is printed on the back cover of the new series near the photo of the founder.

**Who are the people behind such a publication? Are they full-time writers, poets, professors?**

The editorial board gathers professors, teachers, poets and visual artists. And we have full-time writers as contributors and advisers. It's a group effort that involves even people who have nothing to do with literary creation...

**When was it launched first and how did it progress/change through time? Is this publication open for the visual arts too?**

*Claviaturi* (the classic series) was launched in 1941, during World War II. It was designed to look more like a "poetry notebook" with a very limited number of pages. The publication ended with issue no.8, in 1943.

Making and publishing a poetry magazine in those times of war and military dictatorship was a very hard task, eventually proven much too hard to do, therefore we all remember the founder with respect and piety.

The first issue of the new series was released in 2013. Only the name and motto of the founder and a single page containing a poem of an author who was published in the classic series are still in use, just to remember the brave poets and artists who dared to print a poetry magazine "in the times of wrath", when the war swept across Europe.

*Claviaturi* (the new series) contains more than 160 pages, many pictures, has a decent circulation and international distribution to the contributors abroad. It is on sale in the most important bookstore s of Braşov, as well as at the book fairs and literary festivals held in the city.

Now, issue no. 21 is about to be launched… that unlucky no. 8 with which the classic series ended was left behind…

The magazine is also available on the internet (pdf). Some of our foreign contributors say it looks more like a book than a magazine, although it is a quarterly publication, not a poetry anthology or something else. Every issue is archived both in Braşov County Library and National Library of Romania.

*Claviaturi* is always open to visual arts and artists.



Nadia-Cella Pop and Dragoş Barbu

Pictures presenting paintings, sculptures, graphics and visual arts of any kind are published in every issue of the magazine. Mr. Gheorghe Oprea Holbavianu, a very skilled professional painter, sculptor and poet is the head this section.

***Claviaturi* is a publication divided in various sections. Which are the main ones? Who are the contributors?**

*Claviaturi* poetry magazine shares five main sections as follows:

HOMAGE TO THE POET, where, in every issue, a Romanian contemporary poet presents his (her) own literary biography and ten poems.

POETS AND THEIR CREATIONS, part one, where another ten Romanian contemporary poets are presented; every poet with five poems published in this section.

MAJOR POETRY. This section is reserved to our legendary Mihai Eminescu (1850-1889), the greatest Romanian poet ever born, he who is called ”The Evening Star of the Romanian poetry”. One of his famous poems is published here.

POETS AND THEIR CREATIONS, part two, presenting up to twenty-five Romanian poets, all of them having a single poem published in there.

INTERNATIONAL LYRICS. This section’s purpose is to introduce to the Romanian readers several contemporary poets from other countries (up to seven most of the time). Their creations are presented both in Romanian and poet’s native language, if it is English, French, Spanish or Italian.

All the sections are compiled by the editorial board, except the international section where the translators are free to choose the poet they want to present.

***Claviaturi* as a window on Romanian writers, but also a showcase for writers beyond Romania too. Is this so?**

This is true and, at the same time our most important goal. Since the releasing of this new series, the creations of more than 200 Romanian poets and writers were published, as well as those of many authors from other parts of the world (totalizing 40 countries to date).

**This publication is the result of big synergy too; between writers, poets, translators and others. How do you react to this?**

Yes, and it must be so. This poetry magazine made many different people cluster. It is the only way to achieve what we planned and it gives us more chances to “stay in the game”. In absence of this synergy, it is quite impossible to compile and print the magazine and it could be a loss, for our city where very few literary magazines are available (even if Braşov is a big city in the south-eastern Transylvania) and our readers who become more and more interested in this magazine.

The Romanian and European mountaineering legend Mircea Noaghiu, Honoured Master of Sports and renouned writer, joined us a couple of years ago. Unfortunately, we enlisted only three translators to

the magazine and this in not enough at all. But as long as the editorial board and all the rest of the people involved in the making of *Claviaturi* agree to work together, everything will be okay. Of course, we manage to find more advisers, more persons who can use their expertise to improve the quality and everything this magazine needs. And, naturally, we want to keep our sponsors close, those persons who generously provide us funds for the printing and all other things we have to pay for. The lack of financial resources was always the literary magazines' nemesis here.

**How can contemporary writers and poets contribute to *Claviaturi* today?**

*Claviaturi* is open to all the poets who want to contribute. The poets from abroad may contact us by e-mail (nadiacellapop@yahoo.com). The poems must be written in English and the authors must give us the permission to translate and publish them, in order to avoid any copyright law enforcement.

**Future projects?**

When the first issue of *Claviaturi* was launched, some persons of the press said that "every wonderful thing lasts only three days" (local gallows humour). And the years passed… and the magazine is still available to the public, it is launched right in time and promote more and more authors. We were lucky to see our labour certified as useful by the community.

All in all, we want to stay together, in order to keep the magazine alive as much as it is possible and do our jobs here as best as we can. Keeping *Claviaturi* as a completely independent magazine, away from all the organizations, literary or not, that could take it under their influence is another important thing. And we try to get higher...

*Nadia-Cella Pop is member of the editorial board and translator, French section, Claviaturi magazine, Braşov, Romania.*
*Dragoş Barbu is translator, English section, Claviaturi magazine, Braşov, Romania.*

**KWIEKEB U FJURI**

U medd idejh 'il fuq
biex jilħaq il-kwiekeb
u nesa l-fjuri
taħt riġlejh mirfusa!

L-għada
ma' tlugħ ix-xemx
il-kwiekeb għosfru
u f'dawl il-jum
intebaħ
bil-għelt tiegħu.
Miel qajl lejn l-art
għax xtaq li jiġbor warda
u jrossha ma' qalbu.
'Ma taħt ħarstu miksura
ra biss il-ħerba
ta' fjuri midbela
taħt għarqbejh meqruda
biex qatt aktar
ma jlewnu
jew ifewħu ħajtu.

**FRANK ZAMMUT**
**(Minn *Bejn Żewġ Gżiriet*, 1995)**

**DAN IL-ĦIN**

Ħalluh f'ħoġri dan il-ħin
għaliex bħalu qatt ma kelli.
Ħin'jiet oħra għaddejt minnhom,
imma dawk gawdihom delli;
'mma mhux jien.

Ħalluh f'ħoġri dan il-ħin
għax ġab miegħu tifkiriet
ta' ħafn' għożża, ħafna fsied.
Ma' min saru illum miet;
ma kontx jien.

Ħalluh f'ħoġri dan il-ħin
ħalli nfissdu; nżiegħel bih,
forsi għada jerġa' jiġi
u jġib miegħu dak r-riħ
li nħobb jien.

Dak ir-riħ li jġib il-hena;
dak r-riħ li jġib mistrieħ;
dak r-riħ li xejn ma jkiddek;
u ma' dawk li jgawdu fih
inkun jien.

**CHARLES MAGRO**
**(26 ta' Settembru 1943 - 24 ta' Ġunju 2016)**




## BIL-BOQXIEX - POEŻIJI ta' Louis Briffa, 2018

Din hija t-tielet ġabra ta' poeżiji ta' Louis Briffa, wara *Bil-Varloppa* (maħruġ mill-PEG fl-2006), u *The Tale of a Grasshopper and a Tomato and other poems* (maħruġ mill-awtur stess fl-2009, bi traduzzjonijiet għall-Ingliż ta' poeżiji tiegħu minn Rose Marie Caruana). *Bil-Boqxiex* (maħruġ mill-awtur stess, 2018) jiġbor fih mas-68 poeżija, apparti għadd ta' ħajku u tanka. Huma poeżiji li kiteb bejn l-2006 u l-2017, ħafna minnhom ta' ċertu tul, imma dan huwa l-punt b'saħħtu fil-versi ta' Briffa li bħal mastrudaxxa tas-sengħa jaħdem bil-galbu, bi preċiżjoni, filwaqt li vrusu mhumiex għal kulħadd proprju għax mirqumin u jħaddmu Malti mill-isbaħ.

Louis Briffa jqassam il-poeżiji tiegħu f'disa' taqsimiet differenti: i. Bertrand u Jien (u hawn naraw ir-relazzjoni bejn missier u iben); ii. Tempesta; iii. Fjakkolata; iv. Misteri tat-Tbatija; v. Petali mill-Italja u minn Spanja; vi. Qtar mill-Miġra; vii. Difiża tal-Ambjent; viii. Versi tad-Dissidenza; u, ix. Konfetti. Mela permezz ta' vrusu Briffa qed iberraħ lilu nnifsu u jikxef dak li matul is-snin ġarrab fuq livelli differenti.

*Bil-Boqxiex* jinkludi wkoll kummenti kritiċi mill-pinna ta' tliet personalitajiet magħrufa sewwa fil-qasam tal-letteratura Maltija u tal-apprezzament kritiku letterarju: Oliver Friggieri, Charles Briffa u Tarċisju Zarb.

*Preżenza* hija poeżija inkluża fit-tielet parti "Fjakkolata". F'din il-poeżija ta' mħabba magħmula minn tmien strofi ta' tulijiet differenti u mill-vers ħieles, Briffa jesprimi l-ġibda lejn il-maħbuba tiegħu billi jqabbel karatteristiċi tal-ġisem femminili ma' karatteristiċi tal-pajsaġġ naturali. Għalhekk l-għajnejn għandhom mix-xmajjar, is-sider mill-iġbla, in-nifs sħun mit-tperpir tal-ġwienaħ ta' farfett, il-fomm niedi fuq il-wiċċ mir-raġġi tax-xemx "jigdmu", id-dirgħajn mill-fergħat iħaddnu l-arja, u l-bqija. Dan kollu anki biex jiġi enfasizzat il-fatt li din l-imħabba għandha mis-safa, mill-ħajja u mill-enerġija tal-elementi naturali. Il-jien-poeta jirrifletti u jfaħħar lill-int-maħbuba li tħalli dan l-effett bla limiti fuqu u ġewwa fih. Hi poeżija fejn l-appell għas-sensi hu qawwi: il-viżjoni, il-mess, is-smigħ, it-togħma.

*Venezja* hi parti mill-ħames taqsima li tittratta t-tema tal-vjaġġ lil hinn minn xtutna, anki din miktuba fuq mudelli strutturali ħielsa. Interessanti hi d-dedika lil poeta kontemporanju ieħor, Norbert Bugeja, anki hu bniedem li vvjaġġja ħafna. Jolqtu wkoll xbihat u lingwaġġ bħal fil-versi, "mal-mewġ malinkoniku ta' lag/ jiffriża xemx/ tkaska/ l-emboli tad-demm?" Nirrepeti, din ta' Briffa mhix poeżija għal kulħadd imma għall-magħżula, għalkemm jista' jitpaxxa biha kull min għandu għal qalbu l-ilsien Malti u jieħu gost jara kif dan ilsienna jaf jadatta ruħu bla diffikultà għal kull ħsieb u sentiment bħalma biċċa njama tajba taf tadatta ruħha għal forom differenti. Poeta bħal Briffa jilgħab b'dan ilsienna minkejja li din mhix logħba tat-tfal imma waħda serja li tirrikjedi ħsieb profond, konċentrazzjoni, sagrifiċċju u ħin twil ta' rfinar. Hu hawn fejn jirbombja f'moħħ il-qarrej it-titlu tal-ktieb,

*Bil-Boqxiex*, din l-għodda li tgħin lil dak li jkun jirfina l-prodott finali sakemm joqrob kemm jista' jkun lejn il-perfezzjoni.

Din ta' Briffa hija "logħba" magħmula mhux biss minn kliem ta' nisel Semitiku, imma anki ta' nisel Romanz u Anglo-Sassonu li jadatta sew għall-Malti: "tkaska", "profużi", "jinterċettaw", "vaxxelli", "maestrija", u bosta oħrajn. Flimkien dan il-kliem ta' nisel differenti jiżfen bħal waltz perfett li jpaxxi lill-qarrej, anki permezz ta' ritmi mexxejja li jimbuttawk taqra bla sforz vers wara l-ieħor, strofa wara l-oħra. Hu interessanti dan l-esperiment fejn naraw din id-djalettika bejn poeta kontemporanju Malti u belt Ewropea li minkejja li distanti għandha bosta karatteristiċi li jorbtuha ma' art twelidna.

Anki *L-Għanja taċ-Ċinja u l-Poeta* hi parti mit-tielet taqsima u li tittratta t-tema tal-imħabba. Din id-darba però Briffa jagħżel li jħaddem metrika u prosodija tipikament tradizzjonali: endekasillabi (ħafna minnhom alternati bejn pjani u tronki) imqegħdin fi kwartini bir-rima mqabbża fejn it-tieni vers jaqbel mar-raba'. Din hi poeżija ispirata mill-kanzunetta *Something* ta' George Harrison, mela din id-darba d-djalettika hi bejn poeta Malti u dan il-kantant Ingliż u parti mill-grupp *The Beatles*.

Nagħlaq b'kumment ta' Norbert Bugeja: "Il-kitba [ta' Briffa] tressaq lejna l-lemħiet ta' senswalità mgħobbija b'tifsir li minn jum għal jum faċli jaħarbilna. Briffa jagħtina forma nċanata bil-galbu. L-għarfien ġewwieni, imbagħad, jafdah f'idejna."

## PREŻENZA

Dak il-kulur
tal-iris
t'għajnejk rotob
hu msellef
mill-uċuħ
ta' xmajjar miexja...

Dik l-art bejn l-iġbla
tistreċċjali
sielma hi l-vojt mutrab
bejn sidrek u żokortok...

Dak it-tperpir ta' ġwienaħ il-farfett
fuq rożmarina
wieqfa
hu nifsek sħun
ma' dahri...

Dak il-mingħul ta' gdim
tax-xemx
fuq wiċċi
hu l-ħajr
ta' fommok niedi...

Dawk il-fergħat
iħaddnu l-arja pura
u jċapċpu mal-fewġiet
huma dirgħajk
jgħannquni
f'telfa siekta...

Dak il-metall
jinħall
tax-xemx f'inżulha
hu l-aċtu
li jitlagħli mill-istonku
sax-xewqa
li xi darba int tagħżilni,
xi darba titwettaqli...

Dak il-ħajbur-galjuni
ankrati sew fuq rasi
huma n-nefħiet
ta' sidrek
li jinsidjawli 'l-menti
mixgħula
bil-pjaċir...

Dak l-għabex
li jħitulek
bl-għajta tagħhom
l-għasafar żgħar
f'bejtiethom
hu leħni funerarju
li jsejjaħlek!




## MADWAR ĦAJTI - POEŻIJI ta' Jonathan Balzan, 2018

Din hija t-tielet ġabra ta' poeżiji ta' Jonathan Balzan wara *Irdieden* (2013) u *Kilometri* (2016). Din id-darba f'*Madwar Ħajti* Balzan qed jagħtina għażla ta' 80 poeżija li kiteb bejn l-2015 u l-2017. Il-ktieb jinkludi fih ukoll kummenti ta' natura kritika mill-pinna ta' Andrew Sciberras, Louis Briffa, Oliver Friggieri u Achille Mizzi.

Dik li jħaddem Balzan matul il-ġabra hija lingwa li tirrifletti Malti attwali li ma jsib ebda diffikultà biex jadatta ruħu għad-dinja tat-tielet millennju. Naqraw kliem bħal "strimjati", "illejbiljawni", "skrin", "klawneski", "jiddribilja" u oħrajn.

Is-saħħa ta' Balzan qiegħda fil-poeżiji konċiżi, mela poeżiji relattivament qosra. Ir-rima mbewsa hija karatteristika li tirrikorri sew u li drabi tikkontribwixxi għall-mużikalità u r-ritmu tal-poeżija, drabi oħra tinħass bħala limitazzjoni.

Jolqtu similitudnijiet u lingwaġġ figurattiv bħal: "ir-ramel mal-alka bħal kupuni,/ tobżoqhom spagettati/ bħal valuri inkaljati." (*Alka*); "Bħal żewġ ħutiet miflu ġin [...] għexna s-snin" (*Akkwarju*); "bħal wirdiena ninfiltra minn xaqq ta' maqbar/ infittex fil-Valhalla ta' Odin refuġju-mutu." (*Mewti l-Passaport*); jew "Biz-zokkor li billejtli fuq xufftejja/ xorta ntiegħem il-morr tal-ħajja/ bħal xmara dejjem għaddejja." (*Capuccino*)

Għadd ta' poeżiji ta' Balzan huma versi ta' impenn soċjali. Hekk f'*Aħmadi Murtaza* jikteb dwar it-tielet dinja bil-miżerja kollha tagħha, imma paradossalment hienja fis-sempliċità tagħha mqiegħda f'kuntrast mad-dinja neo-liberali li Balzan jittratta b'ironija. Il-balal f'din tal-aħħar huma ta' natura figurattiva ("mill-maħżen ta' kliemhom/ iħaġġru bl-ingravata lil nieshom") imma jħallu danni ikbar. *Hamad Alroosan* hija dwar il-mewt ta' mijiet fil-baħar Mediterran, filwaqt li *Eroina* Balzan jittratta d-dinja tal-vittma tad-droga u l-figura ta' Kristu "bil-pjagi miftuħin". Mela hawnhekk jinħass matul il-versi ta' Balzan l-għarfien tal-ieħor li hu inqas ixxurtjat minna.

Għalhekk tema oħra li tispikka fil-versi li naqraw f'*Madwar Ħajti* hija t-twemmin Nisrani. B'*Dirgħajn Beraħ* hija poeżija li fuq naħa tqiegħed l-aljenazzjoni tad-dinja materjalista, fuq l-oħra l-għarfien ta' dak li jmur lil hinn mill-materjali: it-twemmin. Din it-tema tispikka wkoll fil-poeżija *Fil-Katidral ta' San Stiefnu,* mifhum bħala spazju fejn hemm is-sliem u b'hekk jistieden għar-riflessjoni. F'dinja bierda u indifferenti Balzan jindirizza lil Kristu u jagħmarlu "Stenbaħ minn ngħasek imsallab f'darek,/ erġa' kun protagonist Golgotjan,/ tad-demm u l-laħam irrenja Spartan/ mhux tal-bronz fuq għuda xkatlata kkamlata."

*F'Kamarti* naqraw dwar il-ħsieb li ma jistrieħx - anki quddiem "dinja arena grotteska" (*Ibqa' fil-Ġuf Imħaġġeġ*) - imma jibqa' jhewden fuq ħwejjeġ differenti. Jittaffa xi ftit u temporanjament bis-saħħa tal-kitba.

F'din il-ġabra poetika ġdida nsibu wkoll xi poeżiji marbutin ma' vjaġġi u spazji lil hinn minn xtutna. F'*Mount Pumori* l-Everest issir simbolu tal-ostakli li wieħed jiltaqa' magħhom matul il-ħajja. Għalhekk dawn ta' Balzan - fejn l-ambjent naturali u miftuħ

iservi bħala kuntrast mal-għeluq u l-ġenn tal-ħajja kwotidjana u beltija - jixtieqa jkunu wkoll versi ta' kuraġġ u ħeġġa.

Dawn ta' Jonthan Balzan poeta u maratoneta jfakkru fil-fatt li l-ħajja hija fuq kollox vjaġġ kemm fiżiku (fejn il-bniedem iġarrab l-isbuħija tad-dinja naturali u anki ta' dik arkitettonika u artistika), kif ukoll ġewwieni u spiritwali (fejn dak li jkun iġarrab fuq naħa t-tbatijiet ta' min twieled taħt stilla ħażina u fuq l-oħra s-saħħa tal-fidi).

**ALFABET**

Insawru binti ittri alfabetiċi
noħolqu kliem fin u tal-ħarir
oppost tal-konferenzi klawneski
jilwu lir-raġuni, jibnu s-sulari,
ifasslu l-konfini, jifgaw l-ossiġu
bil-kuxjenza taħt it-torba
ma jifhmux fejn ma jaqbilx,
jgħollu t-ton waqt li jfasslu
*white papers* ikkumplikati
iħaffru barrieri burokratiċi
fil-logħba tas-sriep u s-slielem...
Kulħadd
pijunier jitfa' l-ewwel dada,
ħadd
ma jikkommetti ruħu wara d-data.

**BINT IL-ĦALJA**

Waħdek ħarist lura deluża
lejn ix-xtajta mmortifikata
meta l-mewġ karkrek 'il barra
u rega' kaxkrek 'il ġewwa
iggranfajt mal-blata agonizzata.
Jekk tħossok bħal sirena sogħbiena
tiddejjaqx taffaċċjani,
idejja baqgħu miftuħin u mxarrbin
bħall-menqgħa ta' Silwan
li tfejjaq il-mard tal-imġiddmin.

**JONATHAN BALZAN**
**(Minn *Madwar Ħajti*, 2018)**




**IBEN ID-DELL VOL. 1, ta' Helen Borg, Horizons 2018**

**Ġrajja ta' Mħabba... u aktar - reċensjoni ta' Alfred Massa**

Diversi qarrejja femminili Maltin u Għawdxin huma midħla sew ta' awturi bħal Denise Robins, Josephine Cox, Victoria Holt, Danielle Steel u oħrajn. Dawn kollha jittrattaw l-imħabba bħala l-perm ewlieni tar-rumanzi tagħhom. Iżda forsi l-Amerikana Danielle Steel hi xi ftit differenti peress li tħobb tagħti importanza kbira lill-Istorja tad-dinja. Hekk ngħidu aħna, ir-Revoluzzjoni Russa, dik Franċiża u l-Gwerer li seħħew fis-seklu l-ieħor kollha sabu post fix-xogħlijiet tagħha.

Helen Borg fir-rumanz tagħha *Iben id-Dell* tidher li mxiet fuq il-passi ta' Danielle Steel, peress li tibni l-ġrajja tagħha propju fiż-żmien meta fl-Ewropa kienet għaddejja t-Tieni Gwerra Dinjija. Fil-fatt, il-ġrajja teħodna lura fis-sena 1940; sena li kienet kiefra

ħafna għall-poplu tagħna għax propju f'Ġunju Malta daqet l-ewwel attakki koroh li ħallew warajhom ħerba u mwiet f'diversi nħawi.

Il-ħajja tal-poplu tagħna nbidlet għal kollox. Minn ħajja sempliċi u kwieta in-nies dehret bla sabar, mimlija biża', tiġri minn *shelter* għal ieħor, iġġarrab nuqqasijiet u titlef djarha u saħansitra membri għeżież tagħha. Dan kollu l-awtriċi tagħtina stampa tajba ferm tiegħu lejn it-tieni parti ta' dan il-ktieb.

Iżda bla ma nidħol fid-dettal tal-ġrajja, biex ma ntellifx il-gost tal-qarrejja, irrid ngħid li l-karattru ewlieni huwa Marija, il-bint ewlenija ta' familja kwieta u tal-ġabra mill-Imqabba. Marija, tfajla imżejna b'doni ta' ġmiel liema bħalu bħal bosta żgħażagħ tamparha kienet mhux biss tisraq l-għajnejn tas-sess oppost, imma kienet saħansitra tnissel xewqat żienja f'ġuvintur u rġiel li kienu jħarsu lejha.

U dan ġab inkwiet kbir lil din it-tfajla. Hija ltaqgħet mal-imħabba, xorbot minnha kemm felħet u sikret flimkien mal-maħbub misterjuż tagħha fil-laqgħat li kienet ikollha miegħu f'għorfa qrib il-kappella (aktarx ta' Santa Luċija) li tinsab bejn il-Gudja u Ħal Tarxien. Il-Malti jgħid, li Il-ġarra ġejja u sejra fl-aħħar tinkiser. Hekk ġralha Marija. Jum wieħed saret taf li kienet ħarġet tqila, xi ħaġa li f'dawk iż-żminijiet kienet mistmerra mis-soċjetà.

Ħtija ta' dan tilfet ix-xogħol li kellha ta' infermiera fl-Isptar tas-Servizzi ġewwa Bighi, il-Kalkara, u bl-għajnuna tal-kappillan tal-istess sptar Dun Anard u l-qabla Ġemma kellha tinfired mill-familja tagħha u tqatta' disa' xhur għand familja f'Ħal Tarxien. Damet hemm sakemm tat lid-dinja l-ewwel tarbija tagħha: tifel li semmietu Joseph peress li twieled nhar il-festa ta' San Ġużepp.

Kemm damet Ħal Tarxien fi Triq il-Blata (illum Triq Lanzon) għand il-familja ta' Ċikka l-Bulija, Marija sabet l-imħabba u l-mogħdrija ta' dik il-familja. Il-problema qamet meta ġiet biex tirritorna lura f'dar il-ġenituri tagħha ġewwa l-Imqabba. X'kien se jsir mit-tifel? Fl-aħħar ġie deċiż li dan kellu jitħalla għand il-familja ta' Ċikka u żewġha Ġużeppi biex ma jintbagħatx f'orfanatrofju.

Jekk Marija għaddiet minn kalvarju ħtija tal-karattru dgħajjef li kellha; biss biss, ta' 24 sena kien ġa kellha ħamest itfal, daqstant ieħor għadda minn żmien ikrah binha; anki jekk kien maħbub minn dawk li rabbewh, tant li kien iqishom bħala l-ġenituri naturali tiegħu. Aktar tard it-tifel, li beda jissejjaħ Ġoġò, spiċċa mrobbi minn bin "Il-Bulija" u martu Rose.

Jidher ċar li Helen Borg, li fil-Kelmtejn Qabel tistqarr li "din l-istorja ma vvintajthiex jien", bħallikieku trid tgħid li din seħħet tassew, jidher li għamlet riċerki serji speċjalment dwar ir-raħal ta' Ħal Tarxien. Tant hu hekk, li tgħid: "Għamilt sigħat twal nimxi qalb l-isqaqien u t-toroq ta' Ħal Tarxien biex nifhem minn fejn kien għadda Ġoġò tul ħajtu." Wara kollox, Helen Borg tiddedika l-ktieb lil din il-persuna u ssostni li din għexet u mietet f'dan ir-raħal bejn Mejju 1941 u Diċembru 1988. Naturalment, għal raġunijiet ovvji bidlet l-ismijiet tal-karattri tagħha.

Il-mistoqsija naħseb li jixtiequ jsaqsu l-qarrejja hija x'sar minn Marija. Din inħalli lilhom jiskopruha meta jaqraw il-ktieb. Inħossni konvint, li għalkemm il-ġrajja tiżvolġi f'żewġ volumi (tagħrif dwar it-tieni volum jingħata 'l quddiem) il-qarrejja xorta ser jieħdu gost jaqraw dan il-ktieb peress li l-awtriċi mhux biss iżżommhom fuq ix-xwiek biex jaraw xi jkun ġej wara, imma rnexxielha tqassam l-istorja f'Kapitli qosra u ddaħħal djalogar naturali u b'hekk l-istorja hi mexxejja u ma ddejjaqx.




**IL-WIRT NATURALI TA' GĦAWDEX, ta' Joe Sultana, Birdlife Malta/ EcoGħawdex, Malta, 2018**

### Reċensjoni ta' Geoffrey G. Attard

*Il-Wirt Naturali Ta' Għawdex* huwa l-isem ta' ġabra ta' kitbiet tal-ornitologu Malti Joe Sultana li jkopri fih l-artikli kollha li Sultana kiteb għar-rivista djoċesana t'Għawdex *Il-Ħajja F'Għawdex* mis-sena 2007 sal-lum. Kif wieħed jista' jassumi l-ktieb huwa wieħed voluminuż u jiġbor mill-inqas ħames taqsimiet differenti. Dawn ikopru s-siti ta' importanza naturali f'Għawdex, in-natura f'Għawdex matul is-sena bl-influwenza tal-istaġuni kollha, il-flora u l-fawna ta' Għawdex, l-għasafar li jbejtu f'Għawdex u tagħrif ieħor anke ta' natura letterarja u antropoloġika b'rabta mal-istess flora u fawna Għawdxija. Fl-appendiċi wieħed isib ukoll tagħrifa bijografika dwar l-awtur u biblijografija ta' kitbietu.

Il-qasam tal-ornitoloġija, il-flora u l-fawna f'pajjiżna jista' jitqies li għandu għeruq qodma. Dan għaliex fl-1670, meta gżirijietna kienu fl-aqwa tal-ħakma tal-Ordni, l-istudjuż Malti Gian Francesco Buonamico kien diġà kiteb speċi ta' dissertazzjoni dwar dik li mbagħad tlaqqmet bħala Għerq is-Sinjur, il-pjanta meqjusa mediċinali, li kienet tikber l-aktar fuq il-Ġebla tal-Ġeneral tad-Dwejra f'Għawdex. De Soldanis ukoll jagħmel riferenzi għal dan il-fungo Gozitano fil-kitbiet tiegħu u Johan Michael von Borch fl-1777 jagħtina inċiżjonijiet tal-istess Għerq is-Sinjur. Il-qasam purament ornitoloġiku ħa l-akbar spinta bil-ħidma kontinwa ta' osservazzjoni, fotografar u kitba ta' dak li jista' jitqies l-istudjuż tal-ornitoloġija Maltija per eċċellenza, is-Sur Joe Sultana. Imwieled fix-Xagħra, Għawdex, raħal ta' ġmiel naturali singulari, Sultana trabba u kiber iħobb in-natura. Din l-imħabba li nibtet fih wasslitu biex ikabbar fih l-arti tal-osservazzjoni, x'aktarx l-arti ewlenija meħtieġa sabiex wieħed imbagħad jgħaddi għall-qasam aktar akkademiku tal-istudju tal-istess flora u fawna u anke tat-tajr innifsu. Fost il-ħajku jew stil ta' poeżija bi stil Ġappuniż ta' sbatax-il sillaba li ħarġu mill-pinna tal-poeta Oliver Friggieri, wieħed minnhom jgħid hekk: 'Twaqqgħet is-siġra. L-għasafar tagħha mħawda daru jfittxuha'. Daqshekk ukoll importanti l-ħabitat naturali li dwaru jitkeb fit-tul Sultana fid-damma ta' artikli li kiteb f'dawn l-aħħar snin u li issa, ħajr għall-Birdlife Malta u d-Direttorat tal-EkoGħawdex fi ħdan il-Ministru ta' Għawdex, qed narawhom midmumin fi ktieb il-ġmiel tiegħu li ma jonqsux fih għadd kbir ta' ritratti bil-kulur li jagħmlu minn din il-pubblikazzjoni enċiklopedija li fiha jispikka kemm il-punto-di-vista xjentifiku kif ukoll l-imħabba naturali lejn dak kollu li jsawwar tassew il-wirt naturali tal-gżira ta' Kalipso.

Sultana ma bediex jikteb dwar dan is-suġġett ilbieraħ. Għomru u żmienu għaddih jinnamra man-natura u mas-saltna tal-għasafar. Il-biblijografija fi tmiem il-ktieb tixhed li fl-1970 Sultana kien diġà ġabar l-ewwel kitba tiegħu dwar is-suġġett u ppubblikaha. Minn dakinhar qatt ma ħares lura u llum wieħed minn uliedu jmexxi l-istess assoċjazzjoni li hija biss fergħa minn għaqda ta' xejra internazzjonali. Wirt, ismu miegħu, jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra. Imma fejn ma hemmx responsabbiltà, lanqas jista' jkun hemm ħarsien f'waqtu. Jalla dan il-ktieb li jiswa mitqlu deheb isib ruħu fuq l-ixkafef ta' kull Malti u Għawdxi li għandu għal qalbu lil art twelidu b'dak kollu li toffri. Jalla jasal iż-żmien li nintebħu li l-wirt naturali mhux tagħna għal kollox; huwa biss misluf sabiex ingawduh u ngħadduh bla mittiefes lill-Maltin ta' warajna li min jaf kemm għad jixtiequ, anke jekk diżappuntati, li pajjiżna għandu aktar art primittiva u safja kif ħarġet xi darba minn idejn Dak li hu l-awtur ta' kull ġmiel li jinsab idawwarna.

## Setaħ... porch... veranda... backyard... gallerija... bitħa... bejt...

**Kitba ta' Victor Vella**

Id-dar mhix biżżejjed: mad-dar trid xi ħaġa, xi spazju li tista' toħroġ mill-erba' ħitan u ... toħroġ għall-arja. Donnha drawwa internazzjonali. Filwaqt li l-kelma tinbidel, is-sens jibqa' l-istess: roqgħa ta' art imsaqqfa jew dellija fejn tista' toħroġ jew aħjar fejn tħossok li la int barra sa barra u lanqas ikkatnat ma' erba' ħitan ta' dar jew palazz.

Meta snin ilu kont ippubblikajt l-ewwel ktieb tiegħi FIS-SETAĦ GĦAR-RWIEĦ, kienet inqalghet naqra ta' diskussjoni fuq it-tifsira tal-isem jew titlu. Speċjalment hawn l-Awstralja l-kelma setaħ riedet min jirxuxtaha. Kien hemm min ħasibha żball u qaleb il-kelma 'rwieħ' f''riħ' jekk mhux ukoll 'erwieħ'. Ma tridx tkun ta' skola kbira biex tara li ma jaqblux mal-isem. Imbaghad ġiet il-kwistjoni ta' 'setaħ'... x'inhu u x'kien u fejn kien jintuża. Tifhimha wkoll għax 'tal-belt' ma għandhomx idea ta' setaħ u issa s-setah tar mar-riħ isfel bħalma ġralu r-razzett.

Is-setaħ kien dak l-ispazju kenni, imdawwar b'żewġ ħitan jew tlieta għall-kenn u għad-dell. Aktarx kien ikun fuq il-kmamar jew stalel tal-bhejjem li kienu fil-livell tat-triq jew il-bitħa. Titla' bit-taraġ għall-beraħ u ssib ruħek fis-setaħ, li kien imdawwar bil-kċina, u l-kmamar l-oħra tar-razzett. Kien il-post fejn tiltaqa' u tgħid kelma wara ġurnata xogħol. Post fejn tilqa' l-mistednin u tbill griżmejk b'naqra kafè jew b'tazza nbid li jimmarka u tgħaddi siegħa ttella' u tniżżel u tara kif sejra l-biegħa. Kien il-post fejn wara ġurnata jsaqqi jew inaqqi l-isfinnerija (karrotti) Wenzu kien iqabbad il-pipa u jżid mad-duħħan tas-sħab speċjalment meta tibda l-għarixa ta' Santa Marija. Kien post li jipprovdi kenn u rdoss mill-kesħa tat-tramuntana u wkoll dell u rwieħ fis-sajf.

Kien fih sengħa kif jinbena biex ikun jista' jintuża fix-xitwa kif ukoll fis-sajf. Tista' tqisu bħal estensjoni tal-idea tal-gallerija avolja tal-aħħar ġiet wara meta r-razzett tbiddel f'dar b'żewġ sulari fi triq dejqa. Il-gallerija u s-setaħ jixtiebhu minħabba l-fatt li kienu jkabbru l-ispazju tal-bini u li fis-sajf kien jintuża wkoll biex torqod għad-dawl tal-kwiekeb. Li teħodni għal fuq il-bejt. Speċjalment il-bejt tal-Ewropa t'Isfel u tal-Lvant Nofsani... bl-Afrika ta' fuq b'kollox fejn is-sjuf huma xotti daqs ħatba u l-bejt hu l-post biex tgawdi l-ħemda u ż-żiffa friska ta' bil-lejl. Tinsewx li sejjer naqra lura ġmieli, almenu sa dak iz-zmien meta ma kellniex il-ħsejjes u l-kumdità tal-*air conditioning*.

U min ġie l-Awstralja sab verżjoni oħra ta' spazju mwaħħal mad-dar. Il-bejt spiċċa għax hawn il-bjut mhux ta' min jorqod jew joqgħod fuqhom għax malajr tiżloq fuq il-madum u ssib ruħek imdendel mal-*gutter* tal-ilma tax-xita. Is-setaħ hawn sar il-*verandah*, li fil-bini antik Awstraljan kien parapett imsaqqaf madwar id-dar. Iservi l-istess bħas-setaħ, jew aħjar għax tista' ddur għal-għajn ix-xemx fix-xitwa jew għaż-żiffa u għad-dell fis-sajf. Quddiem il-bibien hawn id-drawwa li jibnu dak li nsejħulu l-*porch* li jgħatti d-daħla ta' quddiem id-dar. Tal-ħwienet għandhom l-istess sistema li jsejħulu *awning* biex qabel tidhol fil-ħanut jagħtik ċans tagħlaq l-umbrella biex ma tixxarrabx qabel tidħol jew tirkupra wara li tkun infaqthom!

Il-bniedem għandu ħabta kif isolvi l-problemi tal-ħajja dwar l-ispazju u l-klima. L-idea u l-arkitettura ta' dawn l-ispazji u kif xterrdu u żviluppaw naraw kif il-bniedem solva l-problemi u għenu wkoll il-ħajja soċjali tar-residenti. Il-Griegi u r-Rumani kellhom il-kolonni u l-kurituri proprjament il-*peristili* li kienu joħolqu dell u kenn. Dawn għadna narawhom sal-lum speċjalment fil-Belt ta' Ruma fejn il-Kolonnada tal-Bernini madwar il-Pjazza ta' San Pietru taqdi lill-pellegrini fix-xitwa u fis-sajf.

Kull fejn tkun tara din il-bidla u l-iżvilupp. Is-setaħ tista' tgħid li għadda għall-istorja u l-bjut ta' Malta telgħu fil-għoli u qegħdin jintilfu bil-*high rise*. Baqa' l-pjazza jew irdum jekk trid titbiegħed ftit. Biss xejn ma jista' jieħu post tas-setaħ fejn il-ħbieb antiki kienu jiltaqgħu u jistrieħu u jirrakkontaw u forsi wkoll … jivvintaw l-istejjer.

## ‘ARA ĠEJ IT-TORK GĦALIK’

### Kitba ta’ Carmen Refalo

Kien fih gost il-logħob ta’ barra
toroq nodfa u tfal ħafjin
ħlief meta jgħaddi xi żiemel
li jbattal f’nofsha waqt li jiġbed xi karrozzin.

Kif bdejt nikber u mmur l-iskola waħdi, bdew iħalluni nilgħab barra ma’ sħabi. It-triq tagħna kienet mimlija ħajja bl-għajjat u l-logħob tat-tfal; il-familji kienu kbar u l-ulied kienu għadhom jintqiesu l-Barka t’Alla. Kienu wkoll garanzija tal-għajnuna għall-quddiem. Xi wħud kienu jaqbdu jaħdmu kif taqagħlhom żokrithom; niftakar lil Marjuċċa tgħidli li tqum mas-sebħ biex ma’ ħuta tmur tgħin lil missierha jgħalfu u jaħilbu l-baqar fir-razzett tagħhom. U tgħidx kemm-il nagħsa kienet tieħu fuq il-bank tal-iskola waqt il-lezzjonijiet. U kienet meqjusa bħala tifla batuta, mhux bħala tifla għajjiena li setgħet kienet l-aħjar waħda fil-klassi; u għax batuta, sena wara l-oħra, kienu jħalluha fl-aħħar bank torqod kemm trid. U jaħasra ħarġet mill-iskola bla ma tgħallmet kważi xejn; la tikteb, la taqra u lanqas tgħodd. L-unika kelma li kienet tagħraf kienet ‘Ħmar’; baqgħet tiftakarha miktuba fuq kartonċina, imwaħħla ma’ daharha b’labra tas-sarwan biex iddur biha mal-klassijiet kollha. U b’hekk la kien jeħel missierha u lanqas l-għalliema; kienet teħel Marjuċċa li lanqas kliem biex tiddefendi ruħha ma’ kellha.

U t-toroq kienu għadhom bla periklu, bil-karrettuni għaddejjin bit-tlikki tlikki minn bejn it-tfal jilagħbu fin-nofs. Imma darba f’mitt qamar, kienet tgħaddi xi karozza. Minn qabel ma tintlemaħ stajna nisimgħu t-tpaqpiq tal-ħorn biex minn nofs nitilgħu kollha fuq il-bankina. Ma kellniex biża’ ta’ sewqan ħażin u l-ftit *exhaust* li kienet tħalli warajha, ma kien jagħti fastidju lil ħadd. Jien, ta’ baħnana li kont, kont nieħu gost bir-riħa tiegħu! Kont għadni ma nafx x’inhu.

Insomma sittin sena ilu kull meta kienet tgħaddi xi *sevenseater* minn quddiemna erħilna nieqfu mil-logħob biex niċċassaw lejha u lejn is-sewwieq. U jekk naraw mara ssuq kienet tkun fula f’qargħa; nibqgħu ħalqna miftuħ u nitilqu niġru ’l ġewwa biex ngħidu ’l ommna x’konna għadna kemm rajna! Għaġeb tal-għeġubijiet!



Kos, iżjed konna nibżgħu li jigdimna xi kelb milli li tolqotna xi Hillman jew Morris Minor. It-toroq bil-klieb kienu mimlijin, bla sid u bil-ġuħ, jiġġieldu għat-territorju u għal xi gidma ħobż. Saħansitra l-kelb tiegħi kien jibża’ jekk waqt xi mixja kien jilmaħ xi tlieta resqin lejna; kien ikolli nerfgħu għax kien jitla’ miegħi għall-għajjut. Anzi ma nafx kif qatt ma ħatfu lili minflok ma ħatfu lilu.

Il-bniet kollha kellna ballun żgħir biex nitfugħ u nilagħbu bih mal-ħitan ta’ barra, ħabel biex indawruh magħna waqt li naqbżu f’nofs it-triq u kaxxa tal-landa moħbija f’xi kexxun, mimlija biż-żibeġ. B’dil-landa kellna għożża kbira; iżjed milli kellna bid-dota li kienet tibda tinġama’ bil-ftit il-ftit minn mindu nibdew nitfarfru għal meta naslu għaż-żwieġ.

Għadni niftakar fil-bjankerija tad-dota taz-zijiet merfugħa fil-kxaxen tal-komodina; kienet tinħasel u titgħalla fil-kaldarun, fuq l-ispiritiera tal-istim darba fis-sena, biex jitneħħew it-tbajja’ tal-kexxun. Imma la z-zija Ċett u lanqas iz-zija Marì qatt ma żżewġu u dal-lożor, investi u xugamani, kollha rrakkmati bl-inizjali tagħhom, maż-żmien sabu posthom fil-kexxun tal-kamra tas-sodda tiegħi.

It-triq kienet il-grawnd fejn is-subien kienu jilagħbu l-futbol, jiġru biċ-ċirku wara xulxin, jilagħbu l-boċċi jew ħames ċaqiet, jew jiġru warajna bl-iskuter tal-injam.

Meta jfettlilna, erħilna mmorru nimlew l-ilma minfuq l-Għajn, ftit il-fuq mill-bieb tagħna, biex inkewsu bih. Konna nieħdu magħna s-settijiet ċkejknin taċ-ċaqquf biex noqogħdu nimlew u nferrgħu l-ilma fihom. Pressede, mara mdaħħla fiż-żmien li kienet ġejja u sejra timla fil-buqar tal-



enemel għall-bżonnijiet tad-dar, kienet tkeċċina ’l hemm biex tfittex tlesti hi. “Kif nara lil zitek Carm, ngħidilha li qed issir għasra hawn fuq!” kienet tgħidli kif tilmaħni u ma’ sħabi kont infittex inparpar ’l hemm inżomm il-kikkri u l-plattini ma’ żaqqi. Imma ġewwa ma kontx nidħol qabel ma ninxef; lanqas meta kien ifettlilhom jaqbdu magħna s-subien; l-għajjat ta’ ziti kien agħar mill-inkejja tagħhom.

Fl-istess ħin mhux l-ewwel darba li konna niftehmu mas-subien biex nilagħbu ‘Erba’ Kantunieri’, nagħmlu t-tlielaq, jew nilagħbu tat-‘Tork’. Din tal-aħħar kienet togħġobni wisq. Wara li nibagħtu s-subien fejn ma setgħux jarawna nistaħbew, konna nidħlu bis-sabta, tlieta tlieta wara l-bibien tan-nies, suppost bla ħoss waqt li ż-żraben inħabbtu mal-antiporti bla ma rridu. Ridna nħaffu għax min kien imissu jfittixna kellu jgħodd sal-għaxra. ….jekk jiftakar in-numri kollha!

Kif bl-istorbju tagħna kien joħroġ xi ħadd mill-ġirien jgħajjat biex ikeċċina ’l hemm, konna ninqabdu f’ħakka t’għajn. Dawk li kien jirnexxilhom jidħlu wara l-bieb ta’ Ġola li kienet truxa, kienu jirbħu żgur … sakemm ġabet kelb kbir u ħadd ma kien jersaq lejn biebha.

Niftakarni nieħu gost, inferfer idejja bil-biża’ waqt li nisma’ lil dawk maqbudin qabli jgħajtu kollha f’daqqa, “Ara ġej it-Tork għalik!” Dak iż-żmien it-Tork kien jissemma wisq u konna nitwerwru meta jbeżżgħuna bih; minn jaf x’konna nistħajluh? Kont għadni qatt ma rajt wieħed ħlief it-‘Tork tat-Taraġ’ li kien moda ħafna dak iż-żmien; lili qatt ma beżżagħni xejn.

Meta kelli fuq l-għoxrin irnexxili niltaqa’ mal-*penfriend* li kelli; kien ta’ nisel Tork b’xagħru dehbi u b’għajnejh ħodor kulur l-iżmeraldi. Wieħed sabiħ bħalu, iżejjen it-taraġ tal-Maltin, bqajt s’issa qatt ma rajt!

Kulmeta niftakar kemm konna nilagħbu barra inħoss bħal qsim ta’ qalb. Mur għidli kif it-toroq kienu ser jimtlew bit-twerżiq tal-brejkijiet u bit-trab valenuż mir-roti hekk kif dawn jittieklu mal-art. Mur għidli kif ir-riħa tal-*exhaust* kienet ser tieħu post l-arja friska ta’ dak iż-żmien u titħallat mad-dagħa tas-sewwieqa indannati li jsibu serbut ta’ karozzi weqfin quddiemhom. Mur għidli kemm it-toroq kienu ser jikriehu u jitħammġu hekk kif nibdew ninsew li mwaħħlin taħt żaqqna għandna par saqajn biex imexxuna. Mur għidli kemm kont se mmur għand tal-merċa bil-karozza tiegħi, żewġ toroq ’il bogħod minni, wara li nkun qattajt xi siegħa nimxi biex innaqqas il-piż, filwaqt li nimla l-pulmun bl-arja mniġġsa.

Mur għidli… imma le … aħjar ma kontx naf x’ser jiġri fil-futur għax b’hekk gawdejt dak li t-tfal t’issa lanqas biss joħolmu bih. Ħasra li l-logħob tat-triq ma setax jibqa’ jeżisti għat-tfal tal-lum!






## L-AĦĦAR RITORN?
### Kitba ta' Norbert Bugeja

**Reċensjoni ta' *Ġenesi* ta' Achille Mizzi, Horizons, 2017**

L-ewwel darba li ltqajt ma' Achille Mizzi kien madwar daż-żmien, wieħed u għoxrin sena ilu. Dak iż-żmien kont student tal-letteratura fil-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela. Konna morna niltaqgħu miegħu jiena u Owen Bonnici, illum Ministru għall-Ġustizzja, il-Kultura u l-Gvern Lokali. L-iskop kien li nintervistaw u nitħaddtu ma' dan il-poeta li, fostna l-membri tal-Klabb Letterarju li konna bdejna fil-Kulleġġ, kien kebbes l-immaġinazzjoni u fetħilna kmamar ġodda ta' skoperta bla qies fil-kitba tal-poeżija.

Mizzi kien dak iż-żmien Segretarju tal-President ta' Malta Ugo Mifsud Bonnici. Kien laqagħna fl-uffiċċju tiegħu bi tbissima affabbli u b'kikkra kafè. Kienu sagħtejn li għadhom stampati f'moħħi, ċari kristall. Dak iż-żmien konna ffissajna: *L-Għar tal-Enimmi*, *Il-Kantiku tad-Demm*, *Mas-Sejħa tat-Tnabar*, xogħlijiet oħra bikrin tiegħu, kienu xeħtulna dawl ġdid u lewnulna l-mod kif inħarsu lejn kollox: mill-kwiekeb fuq il-bejt filgħaxija sal-lapes li nħażżu bih filgħodu. Ir-ritmika, il-ħsejjes u x-xbihat fil-poeżija ta' Mizzi ma konniex naqrawhom daqskemm konna litteralment ngħixu fihom. Saħansitra konna ġieli nbatu biex ninqalgħu minn magħhom u nduru għax-xogħol, l-obbligi u l-ansjetajiet mondani l-oħra li kien irid jgħaddi minnhom ta' kuljum kull student fil-kulleġġ post-sekondarju.

Flimkien ma' kollega ieħor tagħna, Kevin Saliba, illum traduttur prim li anke qaleb għadd ta' xogħlijiet ta' Mizzi għat-Taljan, konna nqattgħu sigħat sħaħ nitħaddtu u anke nillitigaw fuq l-effetti u l-irqaqat tal-binja metrika, tar-ritmi jinħallu fuq ix-xufftejn, tas-sensazzjoni u l-użu leġġendarju (għadni narah hekk sal-lum) tal-lessiku ta' Mizzi. U waħda mill-frażijiet li kienu daħlu kważi fis-sistema sensorja tagħna f'dawn is-snin studenteski kien propju vers mill-*Kantiku tad-Demm* li fih Mizzi jikteb 'Ma fihx loġika d-demm.'

Kien propju dan il-vers li reġa' ġie quddiem għajnejja b'qawwa kbira jiena u naqra l-ewwel poeżija mill-ġabra l-ġdida ta' Mizzi li ġġib it-titlu ta' *Ġenesi*. L-ewwel strofa tal-poeżija, li għandha t-titlu eponimu (*Ġenesi*) tgħid hekk: ''Xħin mill-kaos kożmiku/ tistenbaħ/ u tintebaħ/ li fil-polz ta' ngħasek/ itektek l-univers/ bir-ritmu tal-bieraħ u tal-lum,/ ta' issa, ta' għada u ta' dejjem…' U fil-fehma tiegħi mhuwiex ta' b'xejn li l-ġabra l-ġdida ta' Mizzi tiftaħ propju bi strofa li taqbad fiha s-sustanza sublimi ta' tifsir li tinsab minsuġa tul il-poeżiji li jiffurmaw il-ktieb.

Għax dak li jirnexxilu jqiegħed sebgħu fuqu Mizzi b'din il-poeżija, u b'diversi oħrajn imxerrda bħal kostellazzjoni tul il-ġabra *Ġenesi*, huwa f'ċertu sens dak li Friedrich Nietzsche, fix-xogħol tiegħu *Hekk Tħaddet Zarathustra* (*Thus Spake Zarathustra*), isejjaħlu 'r-ritorn etern'. Dan ix-xenarju, li f'termini bażiċi jistabbilixxi li kulma qatt kien jibqa' jrodd u jerġa' jrodd ruħu, jinsab fil-qalba tat-tifsira tal-poeżija ta' Mizzi, li hu nnifsu stqarr miegħi li dal-ktieb x'aktarx ikun l-aħħar kontribut li se jkun qed jagħti lil-letteratura Maltija.

Huwa mument ta' niket, iva, għalija meta naħseb dwar dan. Però x-xenarju nnifsu tar-'ritorn etern' li jippreżentalna Nietzsche, jekk niħduh bis-serjetà, jgħinna propju biex negħlbu anke din l-istess diqa li tinħoloq meta ġojjellier tant prestiġjuż jibda jħabbar li se jirtira. Għax dak ir-ritorn etern, dik is-sublimità

kaotika, li tiċċelebra b'tant sengħa (u bla heda) l-poeżija ta' Mizzi, huma fl-istess waqt, 'l-ikbar toqol tagħna, l-aktar piz li ma jinfelaħx, l-idea impossibbli, kif ukoll l-aktar wegħda li tqawwina bit-tama, il-qalba nfisha tal-affermazzjoni tar-rieda, taċ-ċans, tal-mument', biex inkun użajt l-ispjegazzjoni lventa ta' Nietzsche li l-istudjuża Elizabeth Grosz tagħti fil-ktieb tagħha *The Nick of Time*.

Il-viżjoni kożmika ta' Mizzi tirrendi propju dan l-effett, li tkompli wkoll tikteb fuqu Grosz: il-poeżija hawn mhix qiegħda sempliċiment turi r-ritorn tal-forza inkalkulabbli taż-żmien, iżda qed tagħmel ħafna aktar minn hekk: qed timmaterjalizza quddiem għajnejna stess il-proċess tar-ritorn etern innifsu.

Inħarsu ftit lejn poeżija oħra mill-ġabra *Ġenesi*, il-poeżija *Canciòn*. Fiha Mizzi jikteb li 'Bħall-pulena/ f'ras il-ġifen ta' mħabbti/ bi dras il-moxt tiegħek/ fraqthieli s-sinsla…/ stordut ħallejtni/ nistejqer/ mid-dagħdigħa/ ta' kometi jserrpu/ u ta' stilel djamanti jinstaħqu/ fil-mehrież tal-firmament/ bħal dmugħ/ tal-etern.' Hawnhekk, il-vuċi poetika qiegħda litteralment tistedinna npoġġu minflokha u nesperjenzaw aħna, għalina nfusna, ix-xoqqa anzjuża ta' dan il-mument: il-mument fejn il-forzi taż-żmien bio-kożmiċi qed jirranġaw mill-ġdid, u jtennu *ad infinitum*, il-konfigurazzjoni tal-univers, 'ta' stilel djamanti jinstaħqu/ fil-mehrież tal-firmament'. Il-poeżija nfisha, din l-għanja jew kanzunetta jew *canción* ta' ftit versi, qed taħfen fiha din id-dinamika li aħna lkoll, irridu jew ma rridux, suġġetti għaliha bil-qawwa tal-eżistenza nfisha tagħna.

U hawn tidħol il-kwistjoni tar-rieda. Għax fil-binja poetika ta' Mizzi hemm qawwiet sopra-umani li jiddettaw l-esperjenza nfisha tal-vuċi poetika, qawwiet li joforqulha s-sinsla u jħalluha storduta tittanta tistejqer mid-'dagħdigħa ta' kometi jserrpu'. Kif tikteb Grosz stess, hemm ukoll xi ħaġa fl-eternità li tirreżisti r-rieda tagħna, u li ġġiegħel ir-riżoluzzjonijiet tagħna jseħħu, u jittamaw li joħolqu l-passi li jmiss, f'direzzjoni waħda biss: il-ġejjieni, għax iż-żmien innifsu jillimita r-rieda lejn il-futur. Izda huwa hawn fejn il-poeżija ta' Mizzi tinjetta x-xenarju alternattiv fil-mudell tar-ritorn etern, u din waħda mill-marki li nemmen li jaqalgħu u jiddistingwu l-viżjoni ta' Mizzi.

Għaliex il-poeżija ta' Mizzi tintegra b'mod kuraġġuż viżjoni speċifika tal-fidi nfisha, b'tali mod li din issir komponent intrinsiku fit-tessut ta' kull xenarju li jorjenta r-rieda mhux lejn l-imgħoddi, imma lejn il-futur li din ir-rieda qed tistinka biex tifforma, u li hi obbligata min-natura tagħha stess li tifforma. Il-viżjoni kożmika fiha minqux xenarju fejn, biex nikkwota l-poeżija *Vinculum Amicitiae*, 'Ħafi għad jiġi l-Galilew/ bit-toqob tal-imsiemer/ f'idejh u f'riġlejh.' Il-kaos kożmiku f'Mizzi dejjem għandu apertura ta' "ħarba" fil-prospett tal-fidi bħala verżjoni oħra ta' ritorn etern li però tista' tirrisolvi b'mod apokalittiku - għalkemm fl-aħħar mill-aħħar, mhix il-fidi biss li tirritorna, iżda elementi oħra bħall-mitologija klassika (fidi fiha nfisha) li fil-viżjoni ta' Mizzi wkoll tappartjeni għal dan iċ-ċirkwit li jirrappreżenta l-polz etern: dak ta' proċessi bio-eżistenzjali li aħna bħala qarrejja (u bnedmin) aħna biss parti effimera minnhom.

Hawnhekk qbadt biss spunt wieħed mir-rikkezzi kbar li fiha l-ġabra *Ġenesi*, u messejt miegħu fil-qosor ħafna. Hemm wisq aktar xi tgħid fuq it-tematika, il-firxa tal-għarfien, u s-snajja' diversi li jintużaw f'din il-ġabra li għoġbu jagħtina Mizzi. Nagħlaq biss b'dan il-ħsieb: il-kitba ta' Mizzi matul is-snin ma tatniex *corpus* ta' poeżiji li għandna biss inqisuh bħala "innovattiv" jew fil-"vangwardja ta' żmienu", u tabelli oħra ta' dan it-tip.

Ix-xogħol ta' Mizzi fil-verità għamel ħafna aktar minn hekk: il-poeżija tiegħu, u speċjalment fil-mekkaniżmi interni varji tagħha, tatna propju għodod speċifiċi li bihom nistgħu nibqgħu nġeddu, u għat-tul, il-modernità tal-poeżija nfisha - dawk l-għodod u l-mezzi li bihom il-poeżija jirnexxilha tibqa' tkellem lill-mument preżenti, ikun meta jkun, mingħajr ma xxellef farka minn sbuħitha jew qawwitha; fi kliem ieħor, Mizzi ħoloq mhux biss il-poeżija, imma bena fiha l-kundizzjonijiet biex din tibqa' tirritorna. Imma biex tifhmu aħjar x'qed ngħid, nistedinkom tiksbu kopja ta' dil-ġabra - kważi deċennju ta' poeżija ġdida minn idejn Mizzi - u taqrawha.

Referenzi: Grosz, Elizabeth, *The Nick of Time - Politics, Evolution, and the Untimely* (Durham u Londra: Duke University Press, 2004).




## IR-REFUĠJATI MALTIN F'GĦAWDEX FI ŻMIEN IL-GWERRA ta' Frank u Charles Bezzina

### Reċensjoni ta' Joe M. Attard

Fil-bini tal-Bank of Valletta fil-Victoria f'dawn il-jiem (9 ta' Novembru '17) kont mistieden għat-tnedija tal-ktieb tal-poeta Għawdxi Charles Bezzina *Ir-Refuġjati Maltin f'Għawdex fi Żmien il-Gwerra*. L-awtur jaħdem ma' dan il-Bank li anke sponsorja din il-pubblikazzjoni li titkellem dwar il-qagħda ta' tant Maltin li matul l-aħħar gwerra għażlu li jmorru joqogħdu Għawdex biex jitbiegħdu mill-periklu tal-gwerra. Kif jistqarr l-awtur stess kienu ħafna dawk li nkurraġġewh biex jidħol għal din il-biċċa xogħol iżda kien is-Sur Anton Tabone ex *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati u ex Ministru għal Għawdex li ssokta jħeġġu biex jagħmel tiftix u joħroġ b'din il-pubblikazzjoni li issa għandna f'idejna. Fil-fatt il-ktieb jiftaħ b'Messaġġ mis-Sur Tabone innifsu li fost ħwejjeġ oħra jistqarr li x-xewqa li jara dan ix-xogħol mitbugħ kompliet tikber fih meta s-sena l-oħra waqt li kien il-knisja għall-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni għand il-Patrijiet Franġiskani Victoria, lemaħ važun dehbi li kien fih bukkett fjuri tal-ganutell bi strixxa tal-karti mdawra miegħu u b'kitba li tgħid hekk: 'Bukkett fjuri tal-ganutell mogħti mill-Bormliżi li kienu refuġjati f'Għawdex fi żmien il-gwerra'. Bezzina sab ukoll għajn kbira ta' informazzjoni fl-arkivju ta' missieru Frans li kien isegwi mill-qrib l-andament tal-gwerra f'pajjiżna.

Fil-kelmtejn tad-daħla li għamillu għall-ktieb, Lawrence Mizzi, awtur ta' diversi kotba, jgħid li malli fil-11 ta' Ġunju 1940 bdew ġejjin l-ajruplani Taljani u jwaddbu l-bombi li ġarrfu l-bini u qatlu ħafna nies, qam paniku kbir fost ir-residenti tan-naħat milquta. U eluf kbar... madwar 10,000 fl-ewwel ġranet ħarbu letteralment minn djarhom b'ta' fuqhom senduqhom u rħewlha lejn l-irħula 'l bogħod mit-Tarzna. L-aktar li laqgħu refuġjati kienu diversi rħula f'Malta kif ukoll il-gżira tagħna, Għawdex.

Charles Bezzina jgħid li l-għadd ta' refuġjati li fittxew kenn f'Ghawdex kien ilaħħaq bejn l-4000 u l-5000 meta fl-1939 il-popolazzjoni t'Ghawdex kienet ta' madwar 25,000 ruħ. Minbarra familji kienu marru jfittxu kenn fostna anke ordnijiet reliġjużi nisa; uħud minnhom bit-tfal tal-orfanatrofji li kienu jieħdu ħsieb. Aktar tard marru wkoll anzjani u morda li kienu jgħixu fl-isptar ta' San Vinċenz de Paul u bħalma għamlu l-Maltin fl-irħula, l-Għawdxin laqgħu lir-refuġjati u fejn setgħu tawhom l-għajnuna li kienu jeħtieġu, minkejja li forsi damu xi ftit biex draw lil xulxin.

L-awturi tal-ktieb, Charles Bezzina u missieru Frans, meqjus bi dritt bħala studjuż t'Għawdex fil-gwerra, ma jonqsux li jsemmu l-effetti li l-evakwazzjoni ħalliet fuq il-ħajja tal-poplu Għawdxi li kultant setgħet kienet xi ftit negattiva, iżda l-wasla tar-refuġjati f'Ghawdex ħalliet mhux inqas effetti pożittivi. Biex nieħdu eżempju wieħed, bis-saħħa tas-Soċju Malti tal-Museum Emmanuel Bianco (li kien mar Għawdex bħala *compounder* tal-isptar San Vinċenz de Paul) infetħu l-ewwel djar tas-subien tal-Museum fil-gżira Għawdxija u bdew isiru l-purċissjonijiet bil-Bambin lejliet il-Milied. Kien ukoll fil-gwerra li bdew f'Għawdex il-priedki tal-Milied mit-tfal. L-ewwel tliet predikaturi kienu Anton

Zammit Gabarretta (aktar tard Kanonku), Ugo Mifsud Bonnici (wara avukat u politiku u President ta' Malta u li għadu kemm għalaq 85 sena), u Peter Serracino Inglott (aktar tard Saċerdot u Professur). Ir-refuġjati għenu biex attivitajiet kulturali u mużikali u teatrali ħadu l-ħajja f'Għawdex. Żgħażagħ Maltin u Għawdxin tħalltu u bdew jaħdmu tejatrini fl-oratorju Don Bosco u fl-1943 saħansitra ttellgħet l-operetta fil-gżira Għawdxija 'il-Geisha' taħt id-direzzjoni tas-surmast G. Giardini Vella.

Żdied ħafna l-kummerċ u diversi xtraw propjetà f'Għawdex. Il-preżenza u l-ħidma ta' dawn ir-refuġjati kienet ikkumpensata bil-ħbiberija li għamlu u l-kwalità tal-ħajja li għexu. Marsalforn biex nieħdu eżempju ċar, kien sar qisu x-Xatt ta' tas-Sliema bil-Maltin jippassiġġaw, ipaċpċu u jixorbu mill-ħwienet li kien hemm ... xeni li f'Malta kienu għebu mal-ewwel attakki tal-alleati. Ma rridux ninsew il-famuża għotja tal-qamħ mill-bdiewa Għawdxin lil Malta meta l-qagħda tal-ikel kienet wasslet lill-awtoritajjiet jieħdu deċiżjoni li jċedu l-gżejjer lill-għadu.

Ngħid għalija barra ħafna tagħrif interessanti li jagħtuna missier u iben f'dan il-ktieb tagħhom, *Ir-refuġjati Maltin f'Għawdex fi żmien il-Gwerra*, naħseb l-ewwel wieħed tat-tip tiegħu dwar dan is-suġġett, ħadt gost ferm naqra dwar tifkiriet personali ta' wħud mill-Maltin, illum magħrufa, li kellhom iqattgħu snin tfulithom mal-familji tagħhom f'Għawdex. Fost dawn qrajt b'interess x'kellhom xi jgħidu u x'jiftakru minn dak iż-żmien diffiċli, il-Perit Andre Zammit, Ugo Mifsud Bonnici li kulħadd jiftakru sa ftit snin ilu President ta' Malta Repubblika u politiku kbir, u Victor Wickman, espert tal-Istorja navali u marittima fil-gżejjer Maltin. Dawn it-tlieta messew u ġarrbu l-faqar u l-għera ma' tant oħrajn, għax wara kollox dak li taf iġġib magħha l-gwerra.

Naħseb li għal mument il-ħabib tiegħi Charles warrab fil-ġenb il-ħabiba tiegħu l-Poeżija u kkonċentra dwar dan il-ktieb li meta taqbdu f'idejk, ikolli nistqarr, ma tħallihx għax il-kurżità tirkbek u żżommu quddiemek sa ma taqrah sal-aħħar. Qabel nagħlaq irrid insellem lill-memorja ta' Ġorġ Cassar, li għallimni l-Malti fil-Liceo, li ħa ħsieb fela din il-pubblikazzjoni bir-reqqa kollha qabel ma rat id-dawl tal-istampa u li għadda għall-ħajja aħjar is-Sibt tard bil-lejl 21 ta' Ottubru 2017.

**IX-XWEJJAĦ TAL-GWERRA**

U ħares dritt f'għajnejja
bla qalli kelma biss
u kompla ħosbien tiela'
bla ħoss, inkiss, inkiss.

Ridt nifhem x'kellu x'jgħidli
minn dawk il-ħbub t'għajnejh,
għax fihom kellu storja
li qatt ma qal b'xofftejh.

'Ma baqa' għajjien miexi
'il fuq mal-mogħdijiet
u jien bqajt nieżel waħdi
qajl, qajl għad-dell tal-wied.

Jekk qatt nerġa' niltaqa'
max-xwejjaħ misterjuż,
inwaqqfu, intarraflu,
kemm jien ninsab anzjuż.

U nħares f'għajnejh koħol
li jaħbu elf sigriet
u naqra fihom ġrajja,
storja ta' demm u mwiet.

Ġrajja ta' dmugħ u niket,
ġrajja tat-tieni gwerra,
minn jaf kemm sofra, msejken,
min jaf kemm fl-hemm iġġerra?

U nikxef dik il-ġrajja
li ilu jżomm ġo fih,
u naqla' s-swied minn qalbu
mill-fond, mill-qiegħ tal-qiegħ.

Jekk għad niltaqa' miegħu
inħares dritt f'għajnejh
biex nislet dik il-ġrajja
li qatt ma qal b'xofftejh.

**(Minn *Meta Siket il-Baħar* ta' Charles Bezzina, Għawdex 2008)**




## ŻEWĠ STQARRIJIET MILL-AKKADEMJA TAL-MALTI

### It-Tagħlim tal-Malti f'Pajjiż Bilingwi

Dan l-aħħar il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol ippropona bidliet fil-kurrikulu tat-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel sekondarji li jagħmlu distinzjoni kemm bejn il-Malti kif jintgħallem bħalissa u l-Malti bħala lingwa barranija, kif ukoll bejn il-Malti ta' xejra "akkademika" u l-Malti "applikat".

Aħna ma naqblux li ċ-ċittadini Maltin jagħmlu l-eżami tal-Matsec tal-ilsien nazzjonali tagħhom bħala lsien barrani jew bħala t-tieni lingwa. Lanqas ma naqblu mal-proposta li dawk li jkollhom ġenitur jew kustodju barrani jiġu eżaminati fil-Malti bħala lsien barrani jew bħala t-tieni lingwa. Ir-raġunijiet huma erbgħa.

Qabelxejn, dawn id-distinzjonijiet imorru kontra dak li tgħid il-Kostituzzjoni ta' Malta, li fiha hemm stabbilit li l-Malti hu l-uniku lsien nazzjonali ta' Malta, u li, mal-Ingliż, hu l-ilsien uffiċjali ta' pajjiżna. Imorru wkoll kontra l-Att dwar l-Ilsien Malti, li jagħraf li l-Malti "huwa l-Ilsien ta' Malta u element ewlieni tal-identità nazzjonali tal-Maltin", u għalhekk jistqarr li "l-Istat Malti għandu jipprovdi biex l-istudju tal-Ilsien Malti fil-manifestazzjonijiet lingwistiċi, letterarji u kulturali tiegħu jingħata dejjem importanza prijoritarja fl-iskejjel, kemm dawk statali kif ukoll dawk li mhumiex, sa mis-snin bikrin tat-tagħlim taċ-ċittadini Maltin kollha."

It-tieni, miżuri bħal dawn jissarrfu fi ħsara lill-bilingwiżmu fil-pajjiż. Fid-dawl tar-riċerka estensiva li turi l-benefiċċji tal-bilingwiżmu għall-iżvilupp intellettwali tal-individwi u tal-vantaġġi soċjo-ekonomiċi li jġib miegħu, aħna nemmnu li ċ-ċittadini Maltin m'għandhomx jagħmlu eżamijiet tal-Matsec la tal-Malti u lanqas tal-Ingliż bħala lingwa barranija jew bħala t-tieni lingwa. Jekk hemm sezzjonijiet tal-poplu li qed jinqatgħu jew mhumiex esposti għal bilingwiżmu sħiħ, allura rridu nagħmlu sforz ikbar, u mhux iżgħar, biex insaħħu t-tagħlim tal-Malti u tal-Ingliż fost dawk kollha li jgħixu Malta.

Huwa għalhekk li naqblu:

(a) mal-Politika Lingwistika għas-Snin Bikrin f'Malta u f'Għawdex (2016), mal-Language Education Policy Profile for Malta (2015) u l-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd f'Malta u Għawdex (2014) li jagħrfu li l-bilingwiżmu għandu jitħaddem fis-snin kollha tal-edukazzjoni obbligatorja;

(b) u mal-parir tal-esperti mit-Taqsima tal-Politika tal-Lingwa fil-Kunsill tal-Ewropa li Malta għandha tidher aktar bħala pajjiż bilingwi, anzi multilingwi, minflok pajjiż ikkaratterizzat bi gruppi monolingwi separati.

It-tielet, nifhmu li sillabi differenti mpoġġijin fl-istess livell, dak tal-Malti ordinarju, se jwasslu għal differenzi u inugwaljanzi fost l-istudenti. Dan imur kontra l-għanijiet ta' ċertifikat mogħti abbażi ta' kurrikulu komuni, li għandu jservi ta' qafas għall-impjieg u l-edukazzjoni postsekondarja. Nemmnu li t-tagħlim tal-Malti u tal-Ingliż, bl-istess impenn u enerġija, għandu jkun mezz mill-aqwa, mhux ta' segregazzjoni bejn dawk kollha li jgħixu Malta u Għawdex, imma ta' integrazzjoni u inklużjoni soċjali. M'għandux ikollna tfal u żgħażagħ esklużi minn xi qasam jew ieħor tas-soċjetà għax ma jkollhomx ħakma tajba tal-Malti u tal-Ingliż.

Ir-raba', il-Malti hu lsien ta' komunità żgħira, mitkellem minn nofs miljun ruħ, bi preżenza limitata fid-dinja diġitali. L-Istat Malti, bħalma jgħid l-Att dwar l-Ilsien Malti, "għandu jkun minn ta' quddiem biex joħloq l-opportunitajiet kollha possibbli għall-

iżvilupp tal-Ilsien Nazzjonali u jara li jkollu d-dinjità li tixraqlu." Dan isir mhux billi studenti, ġejjin mnejn ġejjin, jagħmlu eżami tal-Malti bħala t-tieni lingwa jew bħala lingwa barranija, iżda billi jingħataw aktar mezzi u riżorsi xierqa lill-istudenti u lill-edukaturi biex l-istudenti kollha f'Malta jkollhom l-aqwa ħiliet lingwistiċi fil-Malti u fl-Ingliż. L-iskejjel ma jistgħux jaħdmu waħedhom. F'pajjiżna rridu nrawmu kultura li fiha l-lingwi tagħna jintużaw bl-aħjar mod possibbli, fl-istituzzjonijiet kollha tal-pajjiż. Iż-żewġ ilsna tagħna jridu jkunu aktar viżibbli f'kull qasam, mis-sinjali fit-toroq u l-postijiet pubbliċi sal-internet.

Fil-qosor, il-proposti tagħna huma:

a) Ċertifikazzjoni tal-Matsec

Iċ-ċertifikazzjoni tal-Malti u l-Ingliż għall-barranin u għal oqsma differenti (imsejjaħ "applikat") ma tistax tieħu post iċ-ċertifikazzjoni tal-kompetenzi essenzjali tal-Malti u l-Ingliż (MQF 3) għal dawk kollha li jgħaddu mis-sistema tal-edukazzjoni obbligatorja. Iċ-ċertifikat tal-Malti bħala lsien barrani ma jistax ikollu l-istess livell (MQF 3) taċ-ċertifikat tal-Malti tal-Matsec li jeżisti llum fl-aħħar tal-iskola obbligatorja.

b) Riżorsi għall-iżvilupp ta' pedagoġija aġġornata

L-awtoritajiet tal-edukazzjoni f'pajjiżna jridu jaħdmu mill-qrib mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, l-Università ta' Malta, u entitajiet oħrajn biex jinvestu aktar fir-riżorsi għat-tagħlim tal-Malti lill-Maltin, fost l-oħrajn billi jinvestu fl-iżvilupp ta' pedagoġija u riżorsi għat-tagħlim tal-Malti, u f'dizzjunarji u ċekkjaturi elettroniċi. Il-Gvern irid jagħmel minn kollox ukoll biex ikompli jgħin lill-pubblikaturi u l-kittieba Maltin, fost l-oħrajn billi jagħti aktar inċentivi finanzjarji u joffri aktar viżibilità lill-qasam tal-pubblikazzjoni ta' kotba edukattivi, ta' riċerka u ta' letteratura li qatt ma kien daqshekk dinamiku u f'saħħtu.

ċ) Aktar programmi edukattivi

Għandna quddiemna opportunità kbira li niżviluppaw riżorsi ġodda għat-tagħlim tal-Malti lill-barranin ta' etajiet differenti u minn kulturi lingwistiċi differenti. Neħtieġu aktar programmi edukattivi komprensivi li jinqdew b'kotba, riżorsi awdjoviżivi u elettroniċi għat-tagħlim tal-Malti ħalli l-għalliema jkollhom il-mezzi biex jgħallmu u l-


KTŶB YL KLŶM MÂLTI
'MFYSSER BYL-LATIN U BYT-TALJÂN
SIVE
LIBER DICTIONUM MELITENSIUM
HOC EST
MICHAELIS ANTONII VASSALLI
LEXICON
MELITENSE-LATINO-ITALUM
CUI POST AUCTARIUM ACCEDUNT
APPENDIX ETYMOLOGICA ET COMPARATIVA
ET DUO INDICES VOCUM LATINARUM AC ITALICARUM
MELITENSIBUS NUMERO RESPONDENTIUM.

VOCABOLARIO MALTESE
RECATO NELLE LINGUE LATINA E ITALIANA
*Al quale viene premesso un ragionato Discorso, e dopo il Supplemento si aggiungono un' Appendice etimologica e comparativa, e due Indici Latino l' uno e l' altro Italiano*
QUALI PER VIA DI NUMERAZIONE CORRISPONDONO ALLE VOCI MALTESI.

ROMAE APUD ANTONIUM FULGONIUM
MDCCXCVI.
SUPERIORUM PERMISSU.

istudenti ta' kull età jkollhom l-għodda biex jitgħallmu. L-għalliema u r-residenti barranin ilhom is-snin jitolbu li jiżdiedu r-riżorsi f'dan il-qasam importanti għall-iżvilupp tal-edukazzjoni f'pajjiżna u għall-integrazzjoni soċjali u kulturali. Inqas ma jkollna għalfejn niddistingwu bejn "Maltin" u "barranin," iktar ikollna soċjetà ġusta u b'opportunitajiet indaqs għal kulħadd.

d) Il-lingwi f'oqsma differenti

Is-sistema tal-Learning Outcomes Framework diġà ħasbet għal livelli differenti u kwalunkwe proposta oħra hija żejda. Ma naqblux mal-introduzzjoni tal-Malti "Applikat" għax is-sistema l-ġdida diġà ħasbet għal min se jkollu livelli u ħiliet differenti. Minflok, jeħtieġ li l-awtoritajiet jinvestu fl-iżvilupp ta' pedagoġija aġġornata u l-ħolqien ta' riżorsi għat-tagħlim tal-Malti u l-Ingliż f'oqsma differenti. L-għarfien ta' dawn il-lingwi f'oqsma differenti m'għandux jieħu post it-tagħlim tal-lingwa u l-letteratura bil-Malti u bl-Ingliż li huwa dritt taċ-ċittadini kollha li jgħixu u jaħdmu f'pajjiżna.

**It-28 ta' Marzu 2018**

Din l-istqarrija ġiet iffirmata minn: L-Akkademja tal-Malti; Id-Dipartiment tal-Malti, L-Università ta' Malta; Id-Dipartiment tal-Malti tal-Junior College (UM); L-Għaqda tal-Malti – Università; L-Għaqda tal-Qarrejja tal-Provi tal-Malti; Għaqda Poeti Maltin; L-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa, l-Università ta' Malta; u numru ta' akkademiċi fi ħdan l-Università ta' Malta, pubblikaturi u Kapijiet tad-Dipartiment fl-iskejjel tal-Knisja.

## VOKAZZJONI JEW KONFUŻJONI?

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol irid idaħħal tliet eżamijiet tal-Malti, Ordinarju, Vokazzjonali u għall-Barranin, fl-aħħar tal-iskola sekondarja. Dan se joħloq konfużjoni kbira fl-iskejjel u fost l-istudenti. Jekk verament irid jgħin lil aktar studenti biex jgħaddu, irid isaħħaħ it-tagħlim tal-Malti u jinvesti f'aktar riżorsi, mhux jifframmentah u jħawwad l-imħuħ ta' kulħadd.

Il-Ministeru jrid jgħid pubblikament x'se jkun hemm differenti fl-eżami tal-Malti "Vokazzjonali." X'se jneħħi mill-ħiliet li l-istudenti jitgħallmu llum? Liema komponenti elementari tat-tagħlim tal-lingwa se jwarrab mill-edukazzjoni tat-tfal fis-sekondarja? Għal liema "vokazzjoni" (jew xogħol) se jkun immirat? Għall-"vokazzjoniijiet" kollha?

Il-Malti li l-istudenti jitgħallmu llum fis-sekondarja, li l-Ministru sejjaħlu "akkademiku biss", hu l-aktar livell bażiku ta' Malti fi tmiem l-edukazzjoni sekondarja u obbligatorja, b'kontenut li jinkludi l-grammatika u l-ortografija Maltija, il-qari, il-kitba (bħall-esej u l-ittra), u l-letteratura (adattata għall-età tal-istudenti tas-sekondarja). Fil-kurrikulu nazzjonali, dan il-Malti ĊES dejjem tqies bħala l-istandard komuni ta' għarfien fil-lingwa Maltija, bħala preparazzjoni bażika għal diversi setturi ta' xogħol u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni postsekondarja.

Minn Mejju 2022 l-eżami Malti ĊES se jieħu forma ġdida: żewġ karti li jindirizzaw żewġ livelli differenti, u l-istudenti se jkunu jistgħu jagħżlu l-karta li twassalhom jieħdu ċertifikazzjoni skont il-ħiliet varji tagħhom. Allura għaliex għandu jkun hemm eżami ieħor, separat u differenti, li se jitqies iżjed rilevanti għal min diġà fis-sekondarja jaqbad linja vokazzjonali?

Huwa ċar li l-Ministeru jixtieq joħloq livelli differenti bejn "il-Malti Vokazzjonali" u l-Malti ĊES. Qed tinħoloq sistema ta' "rotot differenti" biex tagħti l-impressjoni li "l-Malti Vokazzjonali" u l-Malti li għandna llum huma biss metodi differenti ta' tagħlim iżda li jeħtieġu eżamijiet differenti bl-istess livell ta' kwalifika (MQF3). Aħna nemmnu li dan hu mod kif il-livell tal-Malti jitbaxxa u fl-istess ħin jingħata l-istess tip ta' ċertifikazzjoni. It-tfaqqir tal-ilsien nazzjonali se jiġi istituzzjonalizzat bl-iskuża ta' sillabi differenti, li fil-fatt se jnaqqru mill-kontenut fundamentali tal-Malti (bħall-grammatika, il-qari, u l-kitba).

Jekk il-"Malti Vokazzjonali" se jintrabat ma' xogħlijiet partikulari minn età daqstant bikrija fl-aħħar tliet snin tas-sekondarja, l-istudenti li jagħżluh se jkunu żvantaġġati għal għomorhom kollu b'livell u b'kontenut inqas ta' Malti. Iż-żewġ eżamijiet se joħolqu segregazzjoni bejn gruppi ta' studenti li, fi stadju bikri wisq f'ħajjithom, se jintalbu jieħdu rotta partikulari ħafna, marbuta ma' kategorija ta' xogħol, mingħajr ma jkollhom ċans ta' flessibilità fl-għażliet tagħhom aktar tard, bħalma jkollhom studenti oħra mgħallma l-Malti li għandna llum (ĊES) skont il-livell sekondarju stabbilit.

Il-Ministru għandu jindirizza b'mod aktar serju s-sitwazzjoni ta' studenti li mhumiex jagħmlu l-eżamijiet fi tmiem l-edukazzjoni sekondarja, u mhux joħloq sistema li tgħatti din il-problema b'ċertifikati ugwali għal livelli differenti ta' ħila. Nemmnu bis-sħiħ li għandu jkun hemm metodi differenti ta' tagħlim biex jintlaħqu l-istudenti kollha imma li jwasslu għal ċertifikazzjoni waħda bħalma hi ċ-ĊES, l-eżami li fi ħdanu diġà se jkun hemm żewġ livelli rikonoxxuti.

**Is-7 ta' Mejju 2018**

Stqarrija ffirmata minn: L-Akkademja tal-Malti; Id-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta; Id-Dipartiment tal-Ingliż tal-Università ta' Malta; Id-Dipartiment tal-Malti tal-Junior College (UM); L-Għaqda tal-Malti – Università; L-Għaqda tal-Qarrejja tal-Provi tal-Malti; Għaqda Poeti Maltin; u L-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa, l-Università ta' Malta.

# FUQ IL-GŻIRA TA' WIGHT

### Kitba ta' Mary Chetcuti

Fis-sajf kelli x-xorti li nżur il-gżira Ingliża ta' Wight jew kif jafha kulħadd Isle of Wight - il-ġnien tal-Ingilterra.

Dil-gżira sabiħa ferm tinsab fin-Nofsinhar tar-Renju Unit, eżattament 5 mili 'l barra mill-port storiku ta' Portsmouth. Fiha 23 mil mill-Lvant sal-Punent u madwar 13-il mil mit-Tramuntana san-Nofsinhar tagħha, b'popolazzjoni ta' madwar 140,000 ruħ, li fil-parti l-kbira tagħhom jaħdmu fil-biedja u t-turiżmu; iż-żewġ oqsma li jdawru r-rota tal-ekonomija fuq il-gżira.

Vjaġġ ta' ftit minuti bil-Hovercraft, li huwa wieħed mill-ħafna mezzi ta' kif tasal fuq il-gżira, u wasalna fil-qalba ta' waħda mill-bliet ewlenin tagħha li jisimha Ryde. Qattajna tmint ijiem induru u nżuru postijiet ta' ġmiel naturali u postijiet storiċi bi stejjer interessanti ħafna warajhom. Wight hija ġenna tal-art għal min iħobb il-mixi fil-miftuħ għax fiha abbundanza ta' kampanja tipikament Ingliża u bajjiet twal ramlin jew biċ-ċagħaq.

Insa li din il-gżira tagħmel parti mir-Renju Unit fejn tidħol il-klima għax il-pożizzjoni tagħha tgħinha tgawdi minn perjodi twal ta' bnazzi u ġranet sħan u xemxin. Fis-sajf l-Ingliżi jinżlu bil-gzuz u bi ħgarhom biex iqattgħu btala mal-familja fuqha.

Il-Gżira ta' Wight, li qed tikseb popolarità wkoll bħala l-'Gżira tad-Dinosawri', minħabba l-fdalijiet ta' skeletri ta' dinosawri li għadhom qed jiġu skavati sal-lum, ilha abitata mill-bniedem sa miż-żminijiet Neolitiċi. Għaddiet żmien maħkuma mill-Imperu Ruman (bħal kważi l-kumplament tal-Gran Brittanja) u warajhom ġew in-Normanni.

L-Abbazija Benedittina ta' Quarr li kienet ilha stabbilita fuq Wight miż-żminijiet medjevali bikrin, daqet il-qilla tar-Re Enriku VIII meta huwa ordna li jinqerdu l-abbaziji kollha waqt li kien qed iwettaq ir-Riforma tar-Reliġjon fil-Gżejjer Brittaniċi bil-mod goff tiegħu! Kważi ħames mitt sena wara il-Benedittini reġgħu tefgħu l-għeruq tagħhom fuq dil-gżira u bnew ġmiel ta' abbazija eżatt ħdejn il-fdalijiet ta' dik meqruda.



**L-Abbazija Benedittina ta' Quarr**

Il-Gżira ta' Wight intużat ukoll bħala ħabs. Proprjament il-Kastell ta' Carisbrooke li jinsab fuqha intuża bħala l-post fejn inżamm priġunier ir-Re Karlu I wara li seħħ l-ewwel u l-uniku 'kolp ta' stat' fir-Renju Unit immexxi minn Oliver Cromwell aktar minn erba' mitt sena ilu. Ir-Re baqa' jinżamm maqful fuq Wight sakemm ittieħed Londra fejn għadda ġuri u wara ngħata l-mewt bi qtugħ ir-ras.

Ta' min jgħid li bint ir-Re, il-Prinċipessa Elisabeth, li kienet inġiebet fuq il-Gżira ta' Wight bħala priġuniera hija wkoll, mietet ftit ġimgħat wara l-wasla tagħha fl-età ta' 14-il sena bi pnewmonja. Ġiet midfuna fil-Knisja ta' San Tumas fi Newport, l-akbar belt ta' Wight. Il-monument fuq il-qabar tagħha huwa biċċa xogħol mill-isbaħ minquxa fl-irħam abjad mill-iskultur Taljan Carlo Marochetti. Dal-monument ġie kkommissjonat mir-Reġina Vittorja fl-1856, aktar minn mitejn sena wara l-mewt taċ-ċkejkna prinċipessa.

Episodji oħrajn koroh jirrakkuntaw dwar nawfraġji ta' bastimenti fiż-żoni mwarrbin u perikolużi tax-xtut ta' dil-gżira. Aktar minn tlett mitt bastiment huma

dokumentati li nkaljaw u tfarrku mal-blat tagħha waqt maltempati tal-biża'.

Il-fatt li għandha bnadi remoti u perikolużi ta wkoll lok għal ħafna attività ta' kontrabandu, filwaqt li kienet perfetta għall-famużi (jew misħutin) *wreckers* - il-klikek ta' nies, xi drabi saħanistra ir-raħal kollu, li kienu jqarrqu bil-bastimenti waqt maltempata billi jagħmlulhom sinjali bil-fanali minn fuq l-irdumijiet ħalli l-ekwipaġġ mingħalih li riesaq lejn daħla kennija, u minflok kienu jinkaljaw bil-konsegwenza li dawk abbord jitilfu ħajjithom u r-*wreckers* jinżlu bil-ġirja minn fuq l-irdumijiet u jisirqu u jkaxkru kulma jsibu bla ma jagħtu sokkors lil min jibqa' ħaj. Sfortunatament din kienet prattika komuni ħafna aktar minn mitt sena ilu madwar l-Ewropa u l-kumplament tad-dinja. Illum, il-Mużew Marittimu ta' Wight jirrakkonta xi wħud minn dawn l-istejjer ta' għajb.

Post ieħor li żorna u li kien ta' interess enormi kienet id-dar grandjuża Osborne House. Din kienet ir-residenza tal-villeġġjatura tar-Reġina Vittorja u l-familja tagħha. Inbniet bejn l-1845 u l-1851 fuq stil rinaxximentali Taljan bi pjanti ddisinjati mill-Prinċep Albertu, ir-raġel tar-Reġina Vittorja innifsu, flimkien mal-Perit Thomas Cubitt.

Il-familja numeruża rjali kienu jħobbu jqattgħu perjodi twal f'din id-dar speċjalment matul ix-xhur ta' Mejju, Lulju, Awwissu u qabel kull Milied. Osborne House kienet il-mimmi ta' għajnejn ir-Reġina. Tant hu hekk illi aktar ma bdiet tavvanza fl-età aktar bdiet tqatta' ħin fiha. Saħansitra ħalliet bil-miktub fit-testment tagħha illi din id-dar partikolari tibqa' f'idejn uliedha u ma jitilquha qatt.



**Osborne House**

Vittorja mietet f'Osborne House nhar it-22 ta' Jannar 1901. Il-katavru tagħha ġie espost f'waħda mis-swali tas-salott sakemm ittieħdet Londra għall-funeral statali u d-difna. Wara mewtha ħadd mit-tfal tagħha ma kellu interess jibqa' jokkupa din id-dar u għaldaqstant binha, ir-Re Edwardu VII, għaddieha lin-nazzjoni fejn matul l-Ewwel Gwerra Dinija serviet ukoll ta' sptar tal-konvalexxenza għall-uffiċjali militari Brittaniċi. Wara nbidlet f'Akkademja għall-Kadetti.

Illum Osborne House tinsab f'idejn l-English Heritage u ġiet miftuħa għall-pubbliku. Għandek l-isbaħ nofstanhar iddur fiha, fil-ġonna sbieħ tagħha, il-bajja privata tagħha u s-Swiss Chalet u l-Cricket Pavilion fejn kienu jqattgħu l-ħin tagħhom jilagħbu ulied Vittorja meta kienu għadhom żgħar.

Ma setgħetx tonqos dik ix-xi ħaġa li torbot lil Osborne House ma' Malta. Konna sorpriżi ħafna meta waqt li qegħdin induru fil-Cricket Pavilion naraw ir-rigali li kienet tingħata r-Reġina Vittorja mingħand il-pajjiżi li kienu jagħmlu parti mill-Imperu Brittaniku, ġejna wiċċ imb wiċċ ma' vetrina bir-rigali li r-Reġina qalgħet mingħand il-Poplu Malti fiż-żmien li kienet sovrana ta' Malta.

Eżebiti hemm tliet bukketti kemxejn kbar tal-ganutell maħdumin b'sengħa kbira, kif ukoll statwetti mlibbsin bil-kostum Malti. Il-kitba quddiem il-bukketti tgħid li dawn huma rigal artiġġjanali mingħand il-poplu ta' Malta u li l-ganutell illum hija sengħa estinta! Naħseb għandhom bżonn jaġġornaw ftit il-kitba għax mhux talli mhix estinta, talli s-sengħa tal-ganutell hawn Malta għadha qawwija u sħiha filwaqt li jalla tibqa' hekk!

U Maltija wkoll kienet ċerta Sinjura Marlene li waqqfitna hekk kif konna ħirġin mill-ġnien botaniku fil-belt ta' Ventnor meta semgħatna nitkellmu bil-Malti. Ħadna gost nitkellmu ma' dil-persuna simpatika. Skoprejna li ġejjin minn bliet Maltin ġirien tagħna u li ilha tgħix hemm mal-familja tagħha kważi 40 sena.

Kif stqarret magħna hi stess, il-ħajja fuq dil-gżira togħġobha wisq għax mhix mgħaġġla. Qaltilna wkoll li l-Gżira ta' Wight hija ġenna tal-art għal min iħobb in-natura; qbilna magħha perfettament.

**DIK IL-LEJLA**

Qalb is-siġġijiet vojta
ta' Triq il-Karmnu,
imbewsa minn dwal il-festa
u mill-ilħna ferriħija
tal-qniepen ta' maġenb il-koppla,
ħassejtu għaddej jiġri
jserrep frisk, bla wiċċ, riħ it-Tramuntana
f'dik il-lejla
fejn saqajja bbiesu
u ordnawli npoġġi biex nistrieħ.
Ja mgħarrqin saqajn!
Ma jħallunix ingawdi
dil-biċċa ġrajja
f'nofs festa-sejħa
ħelwa daqskemm ħajja.

**KARMENU MALLIA**

**EXSULTET**

Ħa tifraħ din l-art li xi darba konna ngħidu
li hi l-isbaħ ġawhra fil-kuruna tas-sultan,
għax issa niżlu fuqha bħal isqra
l-għasafar tal-ħtif, li jaħtfu l-ġid bil-ponnijiet
il-ftit li baqgħu jonfħu l-bżieżaq
tal-ekonomija tas-sapun.
Ħa jifirħu l-Ministri u ta' madwarhom
li jistgħu jitpaxxew u jiftaħru
li qed jaqdu 'l-alla tal-ħala, taż-żeblieħ għal kull deċenza,
tal-bini bla rażan, u tal-kollox jgħodd imbasta għall-flus,
tal-istravagnaza u tal-affluwenza,
għax issa l-Maltin lanqas għadhom iridu jħammġu jdejhom,
lanqas iridu jaħsbu b'moħħom u lanqas m'għandhom għalfejn
għax hemm min jaħseb għalihom.
Ħallu t-trombi tas-salvazzjoni
idamdmu, jirrumblaw, jirbumbjaw
u jifqgħu l-widnejn li qatt ma semgħu l-ħsejjes tal-muturi,
u jidħlu f'kull rokna fejn tista' tmur tistrieħ
għall-kwiet jew tikkuntempla;
ħa jirbumbjaw u jekkeġġjaw il-qawwa tas-sidien il-ġodda,
li jaħtfu, li jħammġu u li jeqirdu
bl-iskuża tal-iżvilupp u tal-ekonomija dejjem tikber.
Ifirħu, ħa tifraħ l-art għaliex il-glorja
qed tegħreq ġewwa fiha u qed tħeġġeġ
id-dawl tas-sultan setgħani tagħha.
Ħa jifirħu l-irkejjen kollha
għaliex jagħrfu t-tmiem tad-dwejjaq u tad-dalma.
Ħa tifraħ din l-art, l-omm li tatna isimha,
imdawla kif inhi mid-dawl fuqani
li ġej minn kredu trijonfanti tal-progress
tal-izvilupp u tar-regolamentazzjoni.
Tiftaħar illi kienet saħansitra minn tal-ewwel
li tibdel liġijiet u taqleb ta' taħt fuq kull ordni naturali,
ġerarkiji, troni u dominazzjonijiet,
u tispiċċa biex tibla l-ħmerijiet minn kull fejn jiġu.
Ħalli l-qarnita ta' subgħajha twal u nviżibbli
tal-kilba, tifga, tnaqqar, issewwes u taħtaf
kul biċċa roqgħa art verġni
fost in-ngħas u t-telqa ta' poplu lluppjat
aljenata bix-xbiehat virtwali
aktar milli bin-naqxiet tat-tafal.
Għalhekk għeżież ħbieb, li bħali
tinsabu għarkubtejkom quddiem il-qawwa u l-glorja
ta' setgħa moħbija
li tiggranfa u tisloħ u tifga
l-aħħar għeliem tal-ħelsien fid-dieher
sejħu miegħi s-setgħa ta' dan l-alla ġdid
li lili għogħbu jgħoddni għalkemm ma jistħoqqlix
fost il-leviti.
Isawwab fiha d-dawl bla dellijiet
tal-illuminazzjoni l-ġdida
ta' soċjetà nklusiva, fejn titneħħa d-distinzjoni,
kull diskriminazzjoni, u kollox livellat
għal xejn mhux xejn u fejn kulħadd
irid jilbes maskra waħda;
biex jiena wkoll nista' ngħanni
t-tifħir ta' din ix-xemgħa.
Amen.

**ALFRED GRECH**

**ĦAJKU**

Għodd is-sekondi
biex ma jkollokx indiema
meta ttir ħajtek

Il-fjura kantat
biex turi t-talent tagħha
u ħadd ma ċapċap.

**AMANDA BUSUTTIL**

**IL-BIKJA TA' ĦONDOQ IR-RUMMIEN**

Illejla ma norqodx kif ġieb u laħaq
se nibqa' nqajjem ngħarrex b'ħarsti 'l fuq
niffissa lejn il-kwiekeb 'l hemm fis-sema
nipprova l-ġmiel ta' ħolqien safi nduq.

Illejla sejrin tarawni ngħarrex sieket
fuq il-plajja ta' Ħondoq ir-Rummien
infittex kif nikkonsla lil din il-bajja
li qiegħda tixher li se jtemmha ż-żmien.

Illejla trapassar indoqq bil-ħlewwa
ħa nbikki 'l wild il-bniedem assassin
biex forsi jieqaf ftit u jishar sieket,
jintebaħ bil-messaġġ grottesk u fin.

Illejla nibki l-bikja tal-imsejken
li fehem is-setgħa dgħajfa tal-ħolqien;
wisq aqwa l-għajta ta' min għandu s-saħħa
li biex l-ambjent jiggosta m'għandux żmien.

**GEOFFREY G. ATTARD**

**SAFRA**

Kont ili mixtieq minn safra;
sa fl-aħħar waslet, u dalwaqt nitlaq;
id-data sibt fl-għażla tal-aħjar ġiti,
u skartajtha mid-dmirijiet;
il-jiem tgerrbu, illum intir
bil-ħerqa; bla sabar stennejt,
biex nirkeb l-ajruplan miżbugħ b'kuluri;
hawn straħt f'wieħed mis-sitien uniti,
hekk kif il-kaptan lissen il-mogħdijiet
fl-ajru, u l-ilħuq fl-għoli, mill-kbir.

Waqaft fl-ewwel post l-Italja;
inħsilt fil-funtani sbieħ tal-pjazez
u trikkibt fil-gondoli fil-kanali.
Minn hawn tlaqt ħesrem għal Franza;
pront intbaħt b'Eiffel it-torri
u djar tal-moda, u fwieħa.
Il-ħin għafas u qsamt il-kanal Ingliż;
it-tren ħadni lejn palazz irjali;
hawn rajt il-bdil tas-suldati, l-użanza
bla tmiem m'oħrajn lill-fama tgħolli.

Fi triqti lura lejn Malta,
intlift naħseb fuq il-pjaċir li ħadt;
wkoll id-dispjaċir li ħin ma kelliex
u ma stajtx aktar nistima
l-għeġubijiet tal-pajjiżi.
Iżda żgur inħossni ferħan,
bil-mawra ftit 'il bogħod mill-Mediterran;
m'iniex sa ninsa l-għana u tlellix,
fl-istatwi storiċi mibnija b'qima,
u daħk fil-fares tal-Ingliżi.

**JOSEPH BONNICI**

**VIOLENT WIND; THE REALITY OF ABUSE**

I do not miss you
when you come on a cold January night,
and you hit me hard with your cold hands.
I do not miss you,
but my heart remains with you.
With no escape.
But I do miss you in Spring when it is warm and nice.
You miss me too and you come and sing like the moon.
You love me again.
I believe in you and your dream.
I fall in the river again and again.
Deep and deep.
I drown in violent waves caused by you.
One day in Summer,
I fly away from you.
Before you kill me.
And I am a strong woman again.

**MARY ANNE ZAMMIT**

**IR-RAĠEL STRAMB**

Iebes ħafna biex jinfired
u jinħall mill-ebusija
ta' karattru daqshekk stramb.
Għalxejn sinfoniji ndaqqulu
minn swaba' melliesa ta' tfajla
li qatt ma setgħet tislet il-passat
ta' min afda sew u tgħallat
biex baqgħetlu biss ix-xewka
tniggiżlu lil ruħu traduta.
Biex jinsa tal-bieraħ l-imrar
tbiegħed sew minn art twelidu
u nħeba f'dar imwarrba
f'art imdawra minn baħar kaħlani.
Iżda tidħollu "hija" bla mistenni
taqliblu ħajtu kollha.
Għalxejn warrabha u barrieha minnu.

Baqgħet fis-subkonxju ta' ruħu
tħuf biex mill-ġdid tkebbislu l-altruwiżmu
li emmen li difen snin ilu.
Għal darb'oħra reġa' ħenn
u taha kulma xtaqet hi
biex hekk ma jidhirx bħala dak -
ir-raġel stramb.

**SALV SAMMUT**
**(Mir-rumanz, *Ir-Raġel Stramb Milgħub minn Mara*, Horizons, 2017)**

**FTIT FTIT**

Il-ħafna xi darba kien ftit
żebbuġa żebbuġa jingħasru -
ma jdumux ma jimlew flixkun żejt kbir.

Midluka b'tadam bżenguli,
il-ħobża tal-Malti
bdiet minn qamħa -qamħa qamħa
saret dqiq biex il-ħobża Maltija ntagħġnet u nħmiet.

Dil-folja li fuqha qed nikteb
xi darba kienet zokk - zokk zokk saru folji u minnhom
ħarġu riżmi ta' karti u ssarrfu f'kotba
li min iħobb jaqra mingħajrhom ma joqgħodx.

Hekk jien, iż-żmien li għandi,
xi darba kien jiem u xhur imbagħad snin
biex flimkien dawn kollha kabbruni u sarrfuni kif
jien.

**MARIO ATTARD**

**KEMM XTAQT**

Kemm xtaqt
li l-baħar li werwirni  jikkalma
u l-ħalel jieqfu jħabbtu mal-blat.

Kemm xtaqt
li r-riħ qawwi jittaffa
waqt li terraqt waħdi fit-triq
u t-trab jittajjar lejn wiċċi.

Kemm xtaqt
li Ċirinew jerfagħli l-piż tas-salib
fuq din l-għolja kiefra

bla ma ntbaħt
bla ma raddejtlek ħajr
tal-baħar sabiħ bħal pittura fuq tila
li l-pittur tagħha jista' jkun wieħed biss,
tar-riħ qawwi aqwa mill-aqwa qawwiet tal-bniedem,
tas-saħħa biex kuljum
niflaħ inġorr kull salib tqil.

**OMAR SEGUNA**

**ĦAJKU**

Il-ħajja mewġa,
daqqa tħabbtek u ssabtek,
u daqqa tmellsek.

Minħabba s-sħana,
in-nisa jgħattu rashom
u jikxfu l-koxox.

Il-bieraħ għexnieh,
illum rajnieh jitwieled,
għada ma nafux.

L-imħabba sħiħa,
sabet il-milja tagħha,
fuq il-Kalvarju.

**CHARLES MIFSUD**

**XI DARBA ŻGUR**

Xi darba żgur
għad jasal il-mument
li l-lejl jgħaddasna fih
profondament.

U x'jiġri wara?

Jingħalqu t-twieqi kollha,
jissakkru sal-bibien
u aħna nibqgħu ġewwa
u ma jarawna mkien.

**ĠORĠ BORG**

**MOTHER**

Some women
did not want to
be mothers
and they never have
a hug from a child
on their lap.
However, other women
loved their children
so much, they made
of raising them
a revived genetic,
a fountain of love
and they are happy!

**TERESINKA PEREIRA**
*L-Istati Uniti*

**TEMPORALE SUL LAGO**

Il lago - prima del temporale -
si tinge di grigio.
Sfumano intorno le montagne,
un rombo scuote l'aria
e l'agglomerato di cielo
riflette secche radici elettriche.

Il creptio smuove la risacca
e agitate braccia incrociano il vento.

Si consuma lo sguardo nell'attesa
che la burrasca svanisca
e il sereno torni sul lago
e sulle nostre fradice derive.

**PAOLA MARA DE MAESTRI**
*L-Italja*

**SWORD AND SHADOW**

The Great Marsh stretches out forever.
Who knew that?
The Grey Dungeon inside does not exist.
Who could guess it?
But however, that ironclad man
crawling his feet in a twilight,
across the hideous trees that bear
too many rags of moss and rust,
he still believes.
Because he does not know
about other knights' armours
lances, war horses and about
so much glory and faith
that lie beneath the rotten mud.
He is absolutely sure
somewhere, ahead of his path
a sword awaits, on solid ground
and a shadow is haunting around.
He has a scabbard for that sword
but his heart is not cold enough
to host that shadow.
He knows nothing about this dream,
the oldest and most untruthful
dream in the world of men.
He steps forward,
speaking stealthily, just for himself.
"No matter how many kingdoms I might lose,
sword and shadow, I take you both"...

**DRAGOS BARBU**
*Ir-Rumanija*

**POETIC PRAYER**

Always those bursting out travails
of life become my burning muse.
With nectars sipped out of poesy
I try to baptise these lives.
Yes... I learnt from my wise mother,
how to console the woebegone
and my father taught me
how to root my unbending spine
deep into the soil of pain to stand tall in the life!

I am not just a poet with trumpet in hand...
but a warrior of life-battle
who kissed with ardour the lips
of troubled world.

I can't knot myself with the grizzled definition of life.
I can't shake hands with those
inexplicable estrangements I behold around...
I can't tete-a-tete with the muted humaneness...

Well. I start my prayers
before the temple with broken sculptures...
vivify the soul-statues with my poesy ambrosial
and holding an eternal torch of wisdom in hand
I go round awakening the world.

**PERUGU RAMA KRISHNA**
*L-Indja*

**TRUTH OF THE MEGALITHIC TEMPLES**
**I visited almost all megalithic temples of Malta**

Why should we love the megalithic temples
unless we can breathe eternity
along with them?
Their might and strength
are the sacrifice of a Creator
who sent His Truth
as an answer to all questions
from the human maze.
But we must decipher
the victorious prophecy
in this mixture of blood and stone.
Among "to be" and "to have"
the megalithic temples teach us
how to forget about our fears
and turn those huge carvings into a legend
of the transient but real
freedom and happiness
in this world where we belong.

**NADIA-CELLA POP**
***Ir-Rumanija***
**(maqluba għall-Ingliż minn Dragoş Barbu)**

**ORDINARY STORY**

We live in a measured stereotype,
goes through the same footprints,
life passes so to the graveyard,
without opening the way of dreams.
Only occasionally we remember:
sometime, somewhere, someone called...
And gradually we fade, pink coral becomes pale.
We do not remember more random encounters,
calls, banal and empty,
it is our mundane life to the old age…

**ADOLF SHVEDCHIKOV**
***Ir-Russja***

**MONTAGNE**

Cime che fanno corona
immobili antiche maestose
intorno alla casa modesta
raccontano storie remote
di bimbi con loro in simbiosi
di volti da tempo scomparsi
di lavori sofferti ed amati
di canti spiegati nei campi
di cuori protesi al futuro
di fervidi afflati rurali
di affetti immortali.

Montagne indifferenti
al cosiddetto progresso
al codice binario
ai giorni incalzanti e concitati,
con un refolo di vento
con una nuvola bassa
mandano antichi sussurri
del tempo perduto e rimpianto.

**AMERIGO IANNACONE**
**(17 ta' Mejju 1950 -12 ta' Lulju 2017)**
***L-Italja***

**BOSNIA AND HERZEGOVINA**
**ANNO DOMINI 2015**

Reflection of the lie
remains on light
till the truth within its warmth of dissapearance
impulsively evanescent

The essence of the being
is not any more in "to be"
but
in
"aquaint with"

To lie, to beguile, to hate...

**SABAHUDIN HADŽIALIĆ**
***Il-Bosnija Herzegovina***

**IDEALS**

Snow-covered mountains,
ancient monuments,
a north wind that nods to us,
a thought that flows,
images imbued
with hymns of history,
words on signs
with ideals of geometry.

**DIMITRIS P. KRANIOTIS**
***Il-Grećja***




**_KEMM NIXTIEQ LI KELLI L-ĠWIENAĦ_, ta' Charles Casha, KKM u Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2018**

Hawn għadd sabiħ ta' kotba ta' stejjer u rakkonti qosra għat-tfal bil-Malti, imma għadhom jonqsu tassew kotba li fihom wieħed isib poeżiji bil-Malti adattati għat-tfal. Li qed jiġi f'moħħi bħalissa huma kittieba bħal Br Michael Buttigieg FSC, Carmel G. Cauchi u Therese Pace, li ppubblikaw kotba marbutin ma' dan il-qasam. Dan ta' Charles Casha huwa ktieb bi 15-il poeżija għat-tfal b'illustrazzjonijiet ta' Sue Flask. Casha jaqsam mal-qarrejja żgħar il-ħsibijiet tiegħu dwar suġġetti li jiltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum. L-awtur jiddedika dan il-ktejjeb ta' 24 paġna lit-tfal kollha ta' Malta u Għawdex għax bħala għalliem huwa qatta' snin twal f'kuntatt magħhom. Fost is-suġġetti ttrattati nsibu l-kotba, l-annimali, il-ġugarelli, l-għodda, il-kompjuter, l-ilma, ir-riħ, ix-xita, ir-ritratti, il-karnival u d-divertiment. Hawn bżonn kbir ta' kotba simili biex it-tfal Maltin jitrawmu jħobbu anki l-poeżija sa minn ċkunithom.




**_TILQIMA BI TBISSIMA - UMORIŻMU MID-DINJA TAN-NERSING_, ta' William Grech, 2018**

Dan huwa t-tieni ktieb ta' William Grech wara li fl-2016 kien ħareġ *Tifkiriet Tfuliti*. Kemm kienet idea tajba din li bniedem li professjonalment huwa infermier u għalhekk jaħdem wiċċ imb wiċċ ma' ħwejjeġ li jweġġgħu u li jirrendu l-ħajja diffiċli bħall-mard, l-uġigħ fiżiku, l-inċidenti li jinqalgħu ta' kuljum, u l-mewt, joħroġ b'ġabra mdaqqas ta' aneddoti ta' persuni differenti li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa, stejjer u praspar li fuq kollox inisslu tbissima u b'hekk iserrħu lil dak li jkun minn dak kollu li hu ikrah u ta' tbatija. *Tilqima bi Tbissima* jinfirex fuq 229 paġna u hu maqsum f'disa' taqsimiet. Wieħed jaqra esperjenzi ta' vera li seħħew kemm fis-swali differenti tal-isptar, kif ukoll fi spazji oħra bħal fuq l-ambulanza; f'ħinijiet differenti: waqt il-jum tax-xogħol, ħin il-viżitaturi, anki f'ħinijiet meta bosta minna nkunu reqdin. Naqbel mija fil-mija ma' dak li l-awtur stess jikteb fil-bidu tal-ktieb: "Idħku kemm tifilħu għax id-daħk huwa l-unika mediċina b'xejn u li tfejjaq!" Jesmond Sharples u Joe Camilleri kitbu żewġ daħliet qosra.




**_L-ISTAR TAL-IMGĦODDI_, ta' Alfred Massa, Horizons 2018**

Oriġinarjament dan ir-rumanz ħareġ fl-1977. It-tieni edizzjoni qed tfakkar il-50 anniversarju minn meta l-Unjoni Sovjetika u l-Qawwiet tal-Patt ta' Varsavja invadew dik li kienet iċ-Ċekoslovakkja. Massa jagħtina l-ġrajja ta' żewġ Maltin żgħażagħ li għadhom kemm jispiċċaw l-istudji universitarji tagħhom u li jiddeċiedu jqattgħu btala barra minn Malta. Imma dawn jinqabdu f'xibka ħafna ikbar minnhom li tmur lil hinn mill-avventuri personali tagħhom u minflok tmiss ħwejjeġ ta' natura politika internazzjonali. Bħal dejjem Massa jagħmel ir-riċerka neċessarja biex kemm jista' jkun lir-rakkont tiegħu jagħtih is-saħħa tal-verosimiljanza u b'hekk il-qarrej iħossu daqslikieku parti mill-ġrajjiet li jseħħu fih. Massa jsawwar din il-ġrajja storika flimkien ma' ġrajja fittizzja li tibbaża ruħha fuq valuri bħall-ħbiberija, il-lealtà, u l-imħabba. Tema rikurrenti fin-narrattiva ta' Massa hija dik tad-destin. Dan ir-rumanz mexxej għandu Daħla mill-mibki Prof. Ġużè Galea u jinfirex fuq ftit iktar minn 150 paġna.




**_ADELANTE_, ta' Ivan Bartolo, 2016**

Dan hu ktieb partikolari u interessanti, wara li snin ilu l-awtur ippubblika ktieb ieħor bl-isem ta' *Jien Miljunarju*. Jinqasam fi 15-il kapitlu u jifrex fuq 140 paġna. Ivan Bartolo jagħtina ktieb li jittratta l-esperjenzi tal-ħajja li ħafna minnhom huma msejsin fuq l-uġigħ, it-tbatija, il-mard, is-sagrifiċċju u l-bqija. Il-ktieb jiġbor fih l-ilħna mġarrba ta' 14-il persuna, inkluż l-awtur stess. Kollha jitkellmu dwar it-tiġrib tagħhom u b'hekk jaqsmu mal-qarrej dak li għaddew jew għadhom għaddejjin minnu. Kif jiktbu l-għaxar persuni involuti f'oqsma soċjali differenti fil-bidu tal-ktieb, l-idea warajh hija li jagħti kuraġġ, iwassal il-valur tar-reżiljenza lil dawk kollha li b'modi differenti qed ibatu. Għalhekk it-titlu *Adelante* li jfisser "Imxi 'l quddiem." Dan hu ktieb ta' kompassjoni u mogħdrija - magħmul mill-kelma li toffri wens u tfejjaq -, miktub minn bniedem li jiltaqa' ma' bosta nies fil-ħidma politika tiegħu u li jagħti spazju wiesa' lill-emarġinat u liż-żgħir. Huwa ktieb miktub b'mod faċli u bla pretensjonijiet fejn Bartolo jirrakkonta kemm il-vjaġġ ta' ħajtu kif ukoll il-vjaġġ ta' ħajjitna lkoll.